# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**
**ONOR ALBERT J. MAGRI B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 23 ta' Jannar 2001,**

**Numru 1**

**Rikors numru 697/99 GV**

**Meinrad Calleja**

**vs**

**Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI**

1. B'rikors tat-30 ta' Marzu, 1999, ipprezentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili, l-appellat Meinrad Calleja, wara li fih ippremetta li fil-15 ta' Mejju 1996 huwa gie akkuzat talli fix-xhur qabel it-18 ta' Dicembru 1994, kien komplici fid-delitt ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u nonostanti diversi tentattivi biex jottjeni l-liberta' provizorja huwa kien ghadu minghajr il-beneficcju tal-helsien mil-arrest u li kien ta' min jinnota li d-data tal-guri

tieghu kienet ghadha ma gietx iffissata u ma kien hemm l-ebda hjiel meta l-process tieghu ser jinzamm.

2. B'sentenza tat-22 ta' Gunju 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talba tar-rikorrent appellat sabiex jigi dikjarat li kien hemm ksur tad-dritt fondamentali tieghu kif protett mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u dik is-sentenza giet konfermata minn din il-Qorti fid-29 ta' Mejju 2000, b'dana pero' li l-atti intbaghtu lura ghand il-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex tiddeciedi fuq il-lanjanza kostituzzjonali ma' l-artikolu 5(3) ta' l-istess Konvenzjoni.

3. B'sentenza ulterjuri tal-14 ta' Dicembru 2000, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet li l-arrest preventiv kontinwat tal-appellat, wara li ghaddew aktar minn erba' snin u nofs minn meta gie akkuzat kien jikser id-dritt fondamentali tieghu kif protett bl-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja u ghalhekk kellu jinghata l-liberta' provvizorja that dawk il-kondizzjonijiet li jaghtu garanzija li l-akkuzat jidher ghal kull att tal-process u dwar il-modalita' tal-ghoti tal-liberta' provvizorja halliet f'idejn il-Qorti Kriminali li tista' tassigura li jinghataw il-garanzija idoneji biex torbot lir-rikorrent halli jidher ghal kull att tal-process, dana wkoll in vista tal-fatt li r-rikorrent appellat diga' inghata l-liberta' provizorja fuq kaz iehor minn dina l-Qorti, bl-ispejjez gudizzjarji kontra l-appellanti.

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

4. L-intimati appellanti hassew ruhhom aggravati bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta' Dicembru, 2000, li testwalment kienet tghid hekk :

**"Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Meinrad Calleja pprezentat fit-30 ta' Marzu 1999 u li fih huwa espona u talab:

Illi l-esponent gie akkuzat talli fix-xhur qabel it-18 ta' Dicembru 1994 kien komplici fid-delitt ta' tentattiv ta' omicidju volontarju;

Illi hu gie akkuzat b'dan ir-reat fil-15 ta' Mejju 1996 u nonostante diversi tentattivi biex jottjeni l-liberta provisorja huwa ghadu sallum minghajr il-beneficcju tal-helsien mill-arrest, in oltre huwa ukoll ta' min jinnota li d-data tal-guri tieghu ghadha ma gietx iffissata u ma hemm l-ebda hjiel meta l-process tieghu ser jinzamm;

Illi bil-kemm hemm bzonn li jinghad li bhal kull individwu iehor l-esponent huwa prezunt innocenti sa kemm jinsab hati skond il-ligi;

Illi kemm ilu taht arrest l-esponent ressaq diversi talbiet quddiem il-Qrati kompetenti sabiex huwa jinghata l-liberta provisorja taht dawk il-provedimenti li l-Qorti jidrilha xieraq izda dawn it-talbiet dejjem gew michuda;

Illi fost dawn l-esponenti jirreferi ghad-digriet moghti fl-14 ta' Lulju 1998 fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali regghet cahdet it-talba tieghu ghal-liberta provisorja u ddecidiet hekk: "*Fl-isfond imsemmi din il-Qorti tara li f'dan il-kaz li hu essenzjali li jigi konsidrat billi hu fondamentali ghas-soluzzjoni tal-vertanza de quo huwa jekk tenut kont tal-fatt li l-appellant diga kellu diversi talbiet ghal liberta' provisorja regattati, hemm xi tibdil fic-cirkostanzi li jista' talvolta jiggustifika lil din il-Qorti tikkonsidra favorevolment it-talba tal-appellant. F'dan il-kuntest, fil-fehma ta' din il-Qorti, hlief ghas-sottomissjonijiet dwar l-artikolu 574 u 575*

*tal-Kap. 9, is-sottomissjonijiet tal-appellant kontenuti fir-rikors tieghu huma pressoche' identici ghal dawk maghmula f'okkazjonijiet precedenti. Zdied biss iz-zmien li ghalih issa l-appellant ghadu f'kuistodja kawtelari kif ukoll l-allegat pregudizzju li iben l-appellant qed isofri. Ghalhekk din il-Qorti tifhem u tapprezza il-preokkupazzjoni tal-appellant, mill-banda l-ohra ma tarax li t-tibdil imsemmi hu tali li jiggustifika lill-din il-Qorti tiddikpartixxi mill-pozizzjoni li s'ssa ttiehdet fil-konfront ta' l-appellant fil-kuntest tat-talbiet tieghu ghal liberta' provvisorja. S'intendi l-posizzjoni tigi riveduta jekk is-sitwazzjoni titbiddel sostanzjalment fil-futur. Nel frattemp, pero' din il-Qorti m'ghandiex alternattiva hlief li tichad it-talba tal-appellant kif effettivament qed taghmel."*

Filwaqt li l-Qorti ta' l-appell Kriminali f'sentenza moghtija minnha fil-11 ta' Novembru 1998 cahdet it-talba ta' l-esponent principalment u fosthom ghas-segwenti raguni "*Kwantu jirrigwarda t-tul ta' zmien u cioe' l-fatt illi llum, ir-rikorrent ilu taht stat ta' arrest preventiv ghal sentejn u hames xhur, ghalkemm huwa evidenti li aktar ma jitwal dan iz-zmien, aktar ser taggrava l-posizzjoni ta' l-appellant, ciononostante l-Qorti ma jidhrilhiex li ghadda zmien bizejjed biex fic-cirkostanzi partikolari jassumi piz tali li jinnewtralizza fatturi ohra li a bazi taghhom, din il-Qorti tirrepeti, ma jidhrilhiex li hu l-kaz li tinghata l-liberta' provisorja."*

Illi l-esponent bir-rispett jissottometti illi l-fatt li huwa qieghed dejjem jigi negat l-liberta provisorja in vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz prezenti tali rigett qieghed jintavola d-dritt fondamentali tieghu kif protetti f'l-Artikolu 5 u 6 tal-konvenzjoni Ewropea fuq id-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll riprodotti fl-Ewwel Skeda ta' Kapitolu 319 u dana ghas-segwenti ragunijiet kif premessi f'dan ir-rikors;

Illi bir-rispett l-esponent ghandu dritt taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem li jinghata smiegh xieraq fi zmien ragonevoli u li jinghata l-liberta provvisorja pendenti dak is-smiegh. Konness mad-dritt ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli hemm il-prezunzjoni li *"kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm ma jigix pruvat hati skond il-ligi."* Infatti hekk kif jidher minn diversi decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropea fosthom dik ta' *Minelli* (25 ta' Marzu 1983), l-element ta' "zmien ragonevoli" huwa konness mal-presunzjoni ta' innocenza u wiehed jista' jinkombi fuq l-iehor jekk "*without the accused having previously been proved guilty according to law and, notably, without having had the opportunity of exercising his rights of defence, a judicial decision concerning him reflects an opinion that he is guilty."* L-esponent bir-rispett jissottometti illi d-diversi decizjonijiet fejn gie

michud lilu l-liberta provizorja in konnessjoni maz-zmien twil li huwa ilu jinzamm taht arrest preventiv jirrendi dawk it-termini izjed stringenti u d-dritt tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli aktar stringenti.

L-esponent illum ilu sentejn u ghaxar xhur, kwazi tlett snin mid-data li fiha huwa gie akkuzat u dan fil-15 ta' Mejju 1996 taht arrest preventiv, u fil-kors ta' dawn it-tlett snin dejjem giet lilu negata l-liberta provizorja u dan meta huwa prezunt innocenti. It-trapass ta' tant zmien jirrendi impellenti l-konsiderazzjoni tat-talba tieghu ghal liberta provvizorja, u jirrendi ukoll, ic-cahda tar-rikorsi tieghu ghal tali liberta, bl-aktar rispett lejn il-Qrati li taw dawk id-digrieti, leziv tad-dritt fondamentali tieghu kif protetti u salvagwardati fl-artikoli 5 u 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319;

In oltre l-esponent bir-rispett jinnota li l-bidu taz-"zmien ragonevoli" huwa meqjus mill-Qorti Ewropea li jibda mhux bilfors minn dik id-data li fiha huwa jigi akkuzat formalment izda hekk kif jidher mill-kazijiet *Neumeister* (16 ta' Lulju 1971), *De Weir* (27 ta' Frar 1980) u *Eckle* (15 ta' Lulju 1982) *"the relevant stage is that at which the situation of the person concerned has been substantially affected as a result of a suspicion against him."*

l-esponent bir-rispett jissottometti illi dan it-trapass ta' madwar tlett snin hawn imsemmi huwa irragonevoli u dana fid-dawl tat-tlett kriterji li gew stabbiliti mill-Qorti Ewropea fil-kazistika u li jirrigwardaw (a) il komplessita tal-kaz taht ezami u dana biss safejn fil-fatt ikkontribwixxa ghad-dewmien fil-proceduri (*Neubeck* Case -12 ta' Dicembru 1983) (b) il mod kif jimxu l-awtoritajiet in konnessjoni mal-kaz in ezami u (c) l-attitudni ta' l-applikant stess.

Illi rigward il-komplessita tal-kaz l-esponent bir-rispett jissottometti illi t-talba tieghu ghal-liberta provisorja qeghda tigi michuda principalment u inter alia minhabba kif issottometta l-Avukat Generali fir-risposta tieghu ipprezentati fid-29 ta' Ottubru 1998 *" il-perikolu manifest ta' intralc fil-provi, li ghadu jezisti anki llum u anzi sar aktar gravi oeress kif jidher anki mir-rikors odjern, apparti l-fatt li l-assocjati mal-imputat jinsabu fil-liberta', illum l-identita' u -natura tal-provi u tax-xhieda tal-prosekuzzjoni saru necessarjament maghrufa lir-rikorrent."* Apparti l-infondatezza ta' tali biza, certament jistghu jinghataw dawk il-provvedimenti, fl-istess hin huwa jinghata l-liberta provisorja, biex tali biza tigi skongrata. Pero' meta jkun ghaddew tant snin u l-akkuzat jibqa taht arrest ma jibqax lecitu li wiehed jibqa jinnega d-dritt tal-akkuzat ghal liberta provisorja, u tali cahda ssir imbaghad lesiva tad-drittijiet fondamentali tieghu.

L-esponent bir-rispett jissottometti illi din mhix gustifikazzjoni ghal lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu u dana kemm ghaliex ix-xhieda tal-prosekuzzjoni huma maghrufa mill-pubbliku in generali, kif ukoll ghaliex il-kontenut u l-gist tax-xhieda ta' uhud mix-xhieda tal-prosekuzzjoni li illum jinsabu fil-liberta fosthom mahfra li inghataw, hija maghrufa mill-pubbliku in generali, kif ukoll ghaliex tali gustifikazzjoni ma tregix meta l-ligi tipprovdi l-mezzi necessarji li filwaqt li l-esponent ma jinzammx fil-bini tal-Habs ta' Kordin taht arrest huwa xorta wahda jkun qieghed taht is-subervizjoni tal-pulizija bil-possibilita ta' "house arrest";

In oltre l-esponent jissottometti illi l-identita u n-natura tal-provi tax-xhieda tal-prosekuzzjoni saru maghrufa lir-rikorrent u dan bi dritt tieghu sabiex ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu kif protetti bl-artikolu 6 tal-ewwel skeda tal-kapitolu 319 u b'hekk joghgobha taghti dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni biex id-drittijiet fondamentali tal-esponent jigu salvagwardati.

Rat id-digriet  ta’ l-1 ta’ April 1999;

Rat ir-risposta ta’ l-intimati minnhom prezentata wara li gew debitament notifikati bl-istess rikors u li fih huma esponew illi:

1. T-trapass taz-zmien wahdu, twil kemm hu twil, ma jimplikax necessarjament dewmien irragonevoli ghaliex kollox jirikjedi certu trapass ta' zmien u t-tul ta' zmien necessarju jiddependi minn natura ta' dak li jrid isir u mid-diffikoltajiet. Hekk per ezempju, fir-rikors jinghad li d-data tal-guri tar-rikorrent ghadha ma gietx iffissata u ma hemm l-ebda hjiel meta l-process tieghu ser jinzamm. Fir-realta', izda, l-process tar-rikorrent gie qieghed isir. Di fatti r-rikorrent kien pprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet li fiha gew sollevati numru konsiderevoli ta' eccezzjonijiet kemm ta' natura legali dwar l-att ta' akkuza kif ukoll dwar l-ammissibilita' ta' numru konsiderevoli ta' xhieda li l-prosekuzzjoni trid tipproduci. Barra minn dan ir-rikorrent ukoll indika numru kbir ta' xhieda (146) u dokumenti in difeza li dwar numru minnhom gew sollevati eccezzjonijiet dwar l-ammissibilita' taghhom mill-prosekuzzjoni. L-istess eccezzjonijiet kienu jirrikjedu granet shah ta' trattazzjoni u wara gew decizi mill-Qorti Kriminali. Ir-rikorrent appella mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti u l-appell jinsab pendenti fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

2. In sostenn tat-talba tieghu sabiex jigi deciz li hemm ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu kif protett bl-artikolu 6 tal-ewwel skeda tal-Kap 319 ir-rikorrent ccita fit-tul id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-14 ta' Lulju 1998 u minn dik tal-11 ta' Novembru 1998 li bihom giet michuda t-talba tar-rikorrent ghall-

liberta' provisorja. Ma hemm xejn fl-istess decizjoniijiet li b'xi mod jista jservi ta' sostenn ghall-pretensjoni msemmija.

3. Ir-rikorrent jallega li hu ghandu dritt jinghata smiegh xieraq fi zmien ragonevoli "u li jinghata l-liberta' provisorja pendenti dak is-smiegh" Ma hemmx dubbju li r-rikorrent ghandu dritt li jinghata smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, liema dritt b'ebda mod ma jista' jinghad li gie lez. ir-rikorrent, izda, ma ghandu ebda dritt ghall-liberta' provvisorja meta jezistu ragunijiet validi, kif jezistu, li jiggustifikaw d-detenzjoni kontinwata tieghu.

4. Ir-rikorrent jissottometti wkoll li "l-element ta' zmien ragonevoli" huwa konness mal-prezunzjoni ta' innocenza u wiehed jista' jinkombi fuq l-iehor". In sostenn ta' din il-propozizzjoni ir-rikorrent jiccita mill-Kaz Minelli. Il-Kaz Minelli ma kellu x'jaqsam xejn ma' "l-element ta' "zmien ragonevoli". Di fatti l-unika dispozizzjoni relevanti f'dak il-kaz kien l-artikolu 6(2) tal-konvenzjoni Ewropea u mhux l-artikolu 6(1) ta' l-istess konvenzjoni. F'dak il-kaz is-sejbien ta' vjolazzjoni tal-artikolu 6(2) ma kellha x'taqsam xejn ma' l-element ta' zmien ragonevoli o meno izda kienet biss bazata fuq il-konsiderazzjonijiet inekwivoci dwar il-htija tal-applikant minghajr ma dan ma kellu l-possibilita' li jiddefendi ruhu dwarhom.

5. In kwantu ghat-trapass taz-zmien li ddekorra s'issa, tenut kont ta' dak li kellu jsir u sar fil-frattemp u tenut kont ukoll tal-piena komminata mill-ligi ghar-reati addebitati lir-rikorrent li titla' sa ghoxrin sena u t-tul tas-sentenza li wiehed jistenna li tinghata f'kaz ta' sejbien ta' htija b'ebda mod ma jista' jitqies irragonevoli iz-zmien li ghadda fic-cirkostanzi kollha tal-kaz anki b'applikazzjoni tal-kriterji citati mir-rikorrent stess fir-rikors tieghu. It-tul ta' zmien li r-rikorrent ilu taht arrest irid jittiehed fil-kuntest tan-natura tar-reati u tal-kwantita' tal-provi li kienu mehtiega li jingabru inkluzi in-necessita' li diversi esperti jespletaw l-inkarigu taghhom kif ukoll diffikolta' ta' xorta procedurali u amministrattivi li invarjabbilment jinqalghu bhal nuqqas ta' rintraccjar ta' xhieda u xhieda msiefra jew difetti li jkunu mehtiega li jigu rettifikati. Inoltre, il-piena komminata mill-ligi u t-tul tas-sentenza li wiehed jistenna li tinghata f'kaz ta' htija fihom infushom huma gja zewg fatturi li joholqu incentiv ghall-imputat biex jipprova jintralcja l-provi u jahrab jew jinheba biex jevadi s-sanzjonijiet tal-ligi. Certament f'dan id-dawl u fil-kuntest tal-fatturi kollha gja msemmija fosthom il-htiega li jigu dibattuti u decizi d-diversi eccezzjonijiet preliminari li gew sollevati tul il-process u issa anki l-appell tar-rikorrent mid-decizjoni tal-Qorti Kriminali ma jistax jigi ritenut li z-zmien li ghamel l-imputat arrestat pendenti dawn il-proceduri hu xi wiehed irragionevoli.

6. Il-periklu ta' intralc fil-provi ma hix l-unika raguni li tiggustifika d-detenzjoni kontinwata tar-rikorrent kif donnu jrid jaghti l-impressjoni r-rikorrent ghalkemm din certament hi wahda minnhom. Fost ragunijiet ohra invokati mill-Avukat Generali hemm il-perikolu li l-imputat jinheba jew jahrab in vista ukoll tal-kuntatti esteri li huwa manifestament ghandu, kif jirrizulta wkoll mir-rikorsi li ghamel l-istess rikorrent fejn jistqarr li hu siefer kemm-il darba. Hemm ukoll il-gravita' straordinarja tar-reati addebitati lir-rikorrent u tac-cirkostanzi taghhom fejn si tratta ta' komplicita' f'tentattiv ta' omicidju volontarju permezz, fost ohrajn, ta' mandat moghti lil terzi, fuq il-persuna tal-Assistent Personali tal-Prim Ministru b'konnessjoni mal-esekuzzjoni tad-doveri tal-kariga tieghu u in partikolari in konnessjoni ma' reat ta' traffikar f'medicini perikoluzi li dwaru l-istess rikorrent jinsab imputat fi proceduri istruttorji separati fil-konfront tieghu. Dawn ic-cirkostanzi jimmanifestaw il-perikolozita' socjali tar-rikorrent u l-perikoli ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja kieku kellha tigi milqugha t-talba tieghu. Periklu iehor hu li l-imputat jikkommetti reati ohrajn, anki kontra l-persuna, jekk jigi rimess in liberta'.

7. Ir-rikorrent jipprova jimminimizza l-periklu ta' intralc ta' provi. Izda dan huwa wiehed reali ferm. Kif gja gie ripetutament sottomess mill-Avukat Generali quddiem il-Qrati Kriminali dan il-periklu ghadu jezisti anki llum u anzi sar aktar gravi peress li illum l-identita' u n-natura tal-provi u tax-xhieda tal-prosekuzzjoni saru necessarjament maghrufa lir-rikorrent. Di fatti ghandu jigi rilevat li propju x-xhud Joseph Fenech li ghalih hemm referenza fir-rikors, gie aggredit minn zewg persuni injoti li sparaw fuqu b'arma tan-nar u dan wara li kien ta x-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri. Ghandu jigi osservat li r-rikorrent fir-rikorsi ghall-liberta' provisorja quddiem il-Qrati ta' kompetenza kriminali ripetutament wera l-fehma tieghu li x-hieda li fuqhom kienet qed tistrieh il-prosekuzzjoni kienu tenwi. Din il-konvinzjoni tar-rikorrent tkompli tissottolinea l-periklu ta' intralc fil-provi ghaliex akbar ma hi l-konvinzjoni tieghu li l-provi jistghu jigu facilment intralcjati u ghalhekk tikber in-necessita' li tigi konservata l-integrita taghhom ma jsir xejn li jista' jipperikola dawk il-provi. Il-fatt li x-xhieda tal-prosekuzzjoni huma maghrufa mill-pubbliku in generali, il-fatt li l-gist tax-xhieda ta' uhud mix-xhieda tal-prosekuzzjoni hija maghrufa mill-pubbliku in generali ma jnaqqas xejn mill-perikoli msemmija anzi jkomplu jaggravawhom. Dan apparti li dak li r-rikorrent rrefera ghalih bhala "house arrest" minn mkien ma jirrizulta mill-ligi kif jallega r-rikorrent.

8. L-argument fil-paragrafu penultimu tar-rikorrent hu biss sofizma. L-fatt hu li ebda dritt fundamentali ma qieghed jigi lez lir-rikorrent bid-detenzjoni tieghu ghaliex kif gja inghad ma hemm ebda dritt ghall-liberta' provizorja meta jezistu, kif jezistu,

ragunijiet sufficjenti li jiggustifikaw dik id-detenzjoni u l-perikolu ta' intralc ta' provi hu wiehed minn dawk ir-ragunijiet.

Ghaldaqstant u ghal ragunijiet ohra li jigu spjegati waqt it-trattazzjoni tar-rikors it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu

## PRELIMINARI

Ir-rikorrent kien ipprezenta rikors quddiem din il-Qorti diversament ippreseduta fejn talab li l-kontinwat arrest preventiv tieghu jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali tieghu kif protett mill-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Din it-talba kienet giet michuda b’sentenza (fol. 87A) tat-22 ta’ Gunju, 1999 u konfermata b’sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta’ Marzu, 2000 (fol. 175). Din l-ahhar Qorti kienet baghtet lura l-inkartament lill din il-Qorti, diversament ippreseduta sabiex, wara li tigbor il-provi relattivi, tiddecidi fuq ir-rimanenti lanjanza kostituzzjonali kif proposta fir-rikors promutur u cioe’ jekk hemmx vjolazzjoni tal-artikolu 5(3) ta’ l-istess Konvenzjoni, sabiex f’kaz affermattiv, tipprocedi skond is-subartikolu (2) tal-artikolu 4 tal-istess att (Kap 319).

Din il-Qorti diversament ippreseduta b’degriet tal-5 ta’ Mejju, 2000 kienet irrilevat li hi kienet diga’ ghamlet xi konsiderazzjonijiet rigward l-istess Art. 5(3) u billi fil-fehma taghha kien hemm lok ghal astenzjoni, l-Imhallef sedenti kien astjena milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz u l-inkartament intbaghat quddiem din il-Qorti kif ippreseduta ghal kontinwazzjoni u decizjoni.

In segwitu ngabru xi provi ohra u l-partijiet ipprezentaw in-noti ta’ sottomissjonijiet taghhom.

Ir-rikorrent qed jissottometti li ‘issa ghaddew aktar minn 4 snin minn meta gie arrestat u kull talba tieghu li ghamel biex jinghata l-liberta’ provizorja giet michuda. Hu ssottometta li l-kontinwat arrest preventiv tieghu m’ghadux aktar wiehed ragjonevoli taht l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni minhabba t-trapass taz-zmien.

L-intimat wiegeb li d-dewmien kien necessitat bl-agir tar-rikorrent u l-prosekuzzjoni m’ghamlet xejn biex tipprolunga inutilment il-proceduri. Ir-rikorrent qed deliberatament itawwal il-proceduri halli johloq sitwazzjoni li tkun tista’ tigi invokata bhala raguni ghaliex ghandu jinghata l-liberta’ provizorja kif fil fatt qed jaghmel f’dawn il-proceduri.

**Id-dritt garantit taht l-artikolu 5(3).**

*Right to liberty and security*

> *5(1) Everyone has the right to liberty and security of person. No one shall be deprived of his liberty save in the following cases and in accordance with a procedure prescribed by law:*
>
> *c. the lawful arrest or detention of a person effected for the purpose of bringing him before the competent legal authority on **reasonable suspicion** of having committed an offense or when it is reasonably considered necessary to **prevent his committing an offence** or **fleeing** after having done so;*
>
> 3. *Everyone arrested or detained in accordance with the provisions of paragraph 1.c. of this article shall be brought promptly before a judge or other officer authorized by law to exercise judicial power and shall be entitled to **trial within a reasonable time or to release pending trial.** Release may be conditioned by guarantees to appear for trial.*

L-iskop principali ta' dan il-paragrafu hu li jiggarantixxi li persuna mcahhda mill-liberta' taghha ma tigix mizmuma arbitrarjament u biex fl-istess waqt tiggarantixxi li kwalunkwe arrest jew detenzjoni tkun qasira kemm jista' jkun. Fejn ma hemmx dawn ir-ragunijiet li jiggustifikaw li persuna tibqa' mizmuma arrestata dik il-persuna ghandha tigi mehlusa.

Dan il-paragrafu ma jistax jigi interpretat bhal li kieku jaghti lill awtoritajiet gudizzjarji ghazla bejn li persuna taht arrest tigi processata fi zmien ragjonevoli jew inkellha tinghata liberta' provizorja, imma dan il-paragrafu jaghti zewg garanziji. Kif jikteb l-awtur Jacobs (The European Convention on Human Rights (1975) fol. 60 dwar dan il-paragrafu:

> *A person detained on remand has the right not to be detained beyond a reasonable time; and that this involves (a) the right to be released if there cease to be adequate grounds for his detention; (b) if he is not released, the right to be brought to trial within a reasonable time.*

Kemm hu z-zmien ragjonevoli li bniedem jista' jibqa' arrestat sakemm jigi processat irid jigi valutat in relazzjoni ma l-istess fatt ta' din id-detenzjoni. Ir-ragjonevolezza (jew raguni prattika) taz-

zmien ma tiddependiex mit-tul tal-process gudizzjarju imma mill-istess zmien ta' detenzjoni. Fil-fatt it-tul taz-zmien ta' process jista' jkun wiehed ragjonevoli in vista tal-fatt, per ezempju, tal-komplessita' tal-kaz, in-numru tax-xhieda u ragunijiet ohra ovvji, imma ma jfissirx li t-tul tad-detenzjoni ta' persuna arrestata sakemm isir il-process, hu wiehed ragjonevoli. *What is a reasonable time for bringing a person to trial is not at all the same as a reasonable time for keeping him in detention*. (Jacobs). Ghax fil-fatt il-kriterji ghar-ragjonevolezza taht l-artikolu 5(3) huma differenti minn dawk taht l-artikolu 6(1) billi taht l-artikolu 5(3) dawn huma aktar rigoruzi billi hawn si tratta tal-liberta' tal-persuna. Certu dewmien jista' jkun kontra l-artikolu 5(3) imma ma jkunx kontra l-artikolu 6(1).

Meta ghandu l-kontinwat arrest preventiv ta' persuna jigi konsidrat mhux aktar ragjonevoli? Jekk ma jibqax ir-*reasonable suspicion* rikjesta taht l-artikolu 5(1)C) id-detenzjoni kontinwata ma tibqax legali, u ghalhekk ma tqumx il-kwistjoni tar-ragjonevolezza. Imma anke jekk tibqa' ir-*reasonable suspicion*, meta jghaddi certu tul ta' zmien, il-prolungament tad-detenzjoni ma tibqax ukoll legali.

Ghalhekk persuna arrestata li qed tistenna li tigi processata, ghandha tigi rilaxxjata jekk m'hemmx jew ma baqax hemm ragunijiet bizzejjed li jiggustifikaw id-detenzjoni kontinwata taghha. Ma hemmx zmien specifiku kemm persuna tista' legalment tibqa' minghajr ma tinghata liberta' provizorja jekk jezistu dawn ir-ragunijiet. Ir-ragjonevolezza ta' zmien jiddependi mic-cirkostanzi ta' kull kaz. F'kull kaz irid jinzamm bilanc bejn l-interessi tal-persuna detenuta ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli u l-interessi tas-socjeta' li jkun hemm prosekuzzjoni effettiva f'proceduri kriminali u li tkun protetta mill-aggressjoni ta' reati gravi. F'dan l-ezercizzju l-Qorti trid tevalwa li ma jigix impost fuq il-persuna arrestata *"a greater sacrifice than could, in the circumstances of the case, reasonably be expected of a person presumed to be innocent"* (Wemhoff).

Il-kriterji li huma accettabli taht l-artikolu 5(3) biex jiggustifikaw id-detenzjoni kontinwa ta' persuna arrestata huma dawk indikati fl-artikolu 5(1)C izda din il-lista m'hiex *exhaustive u* l-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem barra dawn accettat kriterji ohra fejn persuna tista' ma tinghatax il-liberta' provizorja bhal per ezempju; il-perikolu li l-persuna arrestata tahrab; intralc fir-retta amministrazzjoni tal-gustizzja; il-prevenzjoni ta' kommissjoni ta' reati ohra u z-zamma ta' ordni pubbliku.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Sentenzi ohra**

Dwar iz-zmien kemm ilu arrestat ir-rikorrent, kemm il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali kienu konxji li aktar ma jghaddi z-zmien li fih ir-rikorrent jibqa' f'kustodja kawtelari, aktar jizdied il-pregudizzju ghalih u l-pozizzjoni tieghu tigi aggravata.

Meta l-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat id-decizjoni taghha fil-11 ta' Novembru, 1998, sentejn ilu, meta allura r-rikorrent kien ilu detenut ghal kwazi sentejn u nofs, ikkummentat li *"ghalkemm huwa evidenti li aktar ma jitwal dan iz-zmien, aktar ser taggrava l-pozizzjoni ta' l-appellant, ciononostante l-Qorti ma jidhrilhiex li ghadda zmien bizzejjed biex fic-cirkostanzi partikolari jassumi piz tali li jinnewtralizza fatturi ohra li a bazi taghhom, din il-Qorti tirrepeti, ma jidhrilhiex li hu l-kaz li tinghata l-liberta' provvizorja"*. Dik il-Qorti kienet ikkunsidrat il-fattur tat-trapass taz-zmien fil-konfront tal-fatturi li setghu kienu ghadhom jiggustifikaw id-detenzjoni kontinwata tar-rikorrent u ddecidiet li *ma kien hemm assolutament xejn x'jindika illi jirrizultaw fatturi godda, cirkostanzi godda, jew sottomissjonijiet godda validi bizzejjed biex tbiddel il-fehma taghha"*.

Il-Qorti Prim Awla (Sentenza datata 22 ta' Gunju, 1999) meta kkunsidrat talba ohra tar-rikorrent dwar ksur ta' dritt fundamentali tieghu u konsegwenti talba ghar-rilaxx mill-arrest minhabba tul ta' zmien li kien ilu arrestat iddecidiet li *huwa minnu li llum ghaddew seba' xhur ohra minn mindu nghata l-ahhar provvediment mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fir-rigward tal-helsien mill-arrest tar-rikorrent. Pero' din il-Qorti ma tistax ma tikkummentax kif, sorprendentement, ir-rikorrent ghazel li, aktar minn erba' xhur wara li nghatat dik id-decizjoni, jintavola rikors Kostituzzjonali minflok jaghmel talba ohra lill-istess Qorti ta' l-Appell Kriminali li, jigi ripetut, kienet konxja mit-trapass taz-zmien*.

Ir-rikorrent ghalhekk kien ghamel talba ohra lill Qorti Kriminali fis-27 ta' Awissu 1999 fejn rega' talab il-liberta' provizorja u dik it-talba giet michuda fis-27 ta' Settembru, 1999 fol. (160-161). Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ddecidiet li fil-fehma taghha *ma kienx hemm xi element gdid li a bazi tieghu tista' tiddeciedi diversament minn kif iddecidiet precedentement. Ic-cirkostanzi kollha nkluza dak tad-dekors taz-zmien tal-arrest preventiv ghadhom tali, li ma jiggustifikawx li ghandha tinghata l-liberta' provizorja ghalissa, fl-istat attwali tal-iter tal-process u specjalment tenut kont ukoll illi l-appell li r-rikorrent interpona mid-decizjoni tal-Qorti Kriminali fuq*

*xi eccezzjonijiet preliminari sollevati minnu ser jigi trattat u deciz f'qasir zmien.*

Il-Qorti tal-Prim Awla fit-22 ta' Gunju, 1999 kienet cahdet it-talba kostituzzjonali tar-rikorrent billi taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma rrizultax li kien hemm dewmien, izda dwar l-artikolu 5 ma iddecidietx billi ma kienx hemm talba ad hoc ghal rimedju taht dak l-artikolu fir-rikors promotorju {ghalkemm it-trattazzjoni tal-avukati kienet saret fuq l-artikolu 5(3)}. L-istess linja hadet il-Qorti Kostituzzjonali bis-sentenza taghha tad-29 ta' Marzu, 2000 li baghtet lura r-rikors lill din il-Qorti biex tiddecidi fuq il-lanjanza tar-rikorrent taht l-artikolu 5.

**Detenzjoni kawtelari**

Din il-Qorti issa hija mitluba li tiddeciedi jekk il-kontinwat arrest preventiv tar-rikorrent fil-mori tal-proceduri kriminali kontra tieghu s'issa li hadu aktar minn 4 snin u nofs hux wiehed ragjonevoli ? Il-Qorti trid taghmel dan fid-dawl tar-rekwiziti kostituzzjonali fuq imsemmija kif jemergu mill kazistika tal-Qorti Ewropeja. Il-Qorti m'hiex sejra tidhol fil-kwistjoni tat-tul tal-proceduri imma ser taghmel accenn biss billi dan il-punt issemma fin-noti tad-difensuri.

**Process Inbeda**

Jigi puntwalizzat biss li mhux korrett li jinghad (ara nota tar-rikorrent) li ilu madwar erba' snin jistenna li l-process tieghu jibda. Fil-fatt il-kumpilazzjoni nghalqet, gie prezentat l-att ta' l-akkuza u gew decizi eccezzjonijiet preliminari u anke saru appelli minnhom. Ghalhekk ma jistghax jinghad li l-process gudizzjarju mhux miexi. L-intimat semma li l-proceduri qed jitwalu minhabba l-ostakoli u l-kondotta tar-rikorrent stess. Minn naha l-ohra r-rikorrent qed ighid li l-intimat kellu zmien jistenna li zewg gurijiet jinqatghu a skapitu tieghu li baqa' arrestat.

Kif jammetti l-intimat stess ir-rikorrent ghandu dritt li jappella u anke l-Qorti Ewropeja taccetta li l-*art 6 does not require the applicants actively to co-operate with the judicial authorities. Neither can any reproach be leveled against them for having made full use of the remedies available under domestic law. Eckle case 15/7/82.* Illi ghalhekk ir-rikorrent ghandu dritt li jappella minn decizjonijiet li ma jaqbilx maghhom anke jekk b'dana l-mod il-proceduri jkunu ser jitwalu. Ghandu dritt ukoll jiehu dawk l-azzjonijiet li jidhirlu li huma necessarji biex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu anke jekk dan jiehu certu tul ta' zmien.

## Tikkunsidra

Il-Qorti sejra tezamina issa jekk iz-zmien li r-rikorrent ghadda s'issa minghajr ma nghata l-liberta' provizorja jinnewtralizzax il-fatti l-ohra li a bazi taghhom il-Qrati l-ohra cahdu t-talbiet tar-rikorrent, cioe' jekk ghadx hemm bilanc bejn l-interessi tar-rikorrent ghas-smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli taht l-artikolu 5(3) u dawk tas-socjeta' li trid tigi protetta minn reati gravi.

Il-prezunzjoni hija favur il-liberta' tal-persuna u r-rikorrent ma jrid jipprova xejn hlief li hu jinsab arrestat u mcahhad mill-liberta' provizorja. Hu l-intimat li jrid jipprova sodisfacentement b'mod li jwasslu l-Qorti ghall konvinciment morali, motivat u fondat, illi ghadhom jirrikorru fil-kaz in ezami, cirkostanzi gravi li jiggustifikaw ic-cahda tal-liberta' provizorja. L-oneru tal-prova hu ghalhekk kollu kemm hu mixhut - u dana b'mod l-aktar pezanti - fuq l-intimat (ara J. Leone Ganado vs P.M. PA 21.5.92).

## 1. Intralc tal-provi.

Ir-rikorrent issottometta li llum dan ir-riskju m'ghadux jezisti billi x-xhieda li fuqha qieghed jistrih l-kaz tal-prosekuzzjoni xehdu kemm-il darba u hija maghrufa minn kulhadd. M'hemm ebda prova li r-rikorrent intimida jew ghamel pressjoni fuq xi hadd.

L-intimat issottometta li l-fatt li l-provi diga' nstemghu ma jnaqqasx anzi jzid il-perikolu ta' intralc ghaliex l-akkuzat ikun jista' jidentifika x-xhieda nevralcici tal-prosekuzzjoni b'mod li jkun jista' aktar facilment jintralcjhom.

Dwar il-biza' li jista' jkun hemm intralc fil-provi, dana dejjem jibqa' jezisti kemm jekk ir-rikorrent jibqa' arrestat kif ukoll jekk jigi rilaxxjat b'kondizzjonijiet adekwati. Fil-fatt l-intimat semma fin-nota tieghu li diga' certi xhieda bdew jixhdu mod differenti minn kif kienu xehdu fil-kumpilazzjoni. Ir-rikorrent ukoll wasal biex qal li s-suspett ragjonevoli issa, in vista tax-xhieda li nghatat, bil-kemm ghandu jissussisti. Dan kollu jfisser li biex jigu kontrollati x-xhieda mhux bilfors trid thalli lir-rikorrent minghajr liberta' provizorja sakemm jispiccaw il-proceduri kollha kontra tieghu, ghax anke dment li kien arrestat jidher li sar ntralc tal-provi.

Kif qalet il-Qorti Ewropeja fis-sentenza, Clooth vs Belgium 1991: *The longer the detention continues and the more the investigation makes progress, the less likely that interference with justice will remain a good reason for detention.*

Fil-kaz in ezami l-provi kollha kontra r-r-rikorrent ingabru u nstemghu diversi drabi quddiem il-Qorti tal-Magistrati u quddiem il-Qorti Kriminali u dak li qalu xhieda principali hu maghruf sewwa.

## 2. Perikolu li r-rikorrent jikkometti reati ohra

Ir-rikorrent issottometta li bhala prova ta' dan il-perikolu l-intimat ressaq zewg xhieda, Beatrice Fenech, it-tifla ta' xhud principali kontra r-rikorrent u Keith Micallef l-ex gharus taghha, izda ma ngabet ebda prova dwar il-konnessjoni tar-rikorrent mal-allegati fatti li fuqhom xehdu dawn it-tnejn.

L-intimat issottometta li l-provi fil-process, indipendentement mill-incident ta' Beatrici u Keith Micallef, huma bizzejjed biex juru l-perikolu li r-rikorrent jikkometti reati ohra.

L-intimat tella xhieda dwar l-incident tal-25 ta' Ottubru, 1996 li fih kien involut ix-xhud principali kontra r-rikorrent, Joseph Fenech fejn allegatament gew sparati tiri fil-konfront tieghu. F'dan il-kaz ma kien hemm l-ebda suspett f'xi persuna li setghet kienet wara dan l-allegat reat.

Ingabu provi wkoll fuq incident iehor li fih kienet involuta it-tifla ta' l-istess Joseph Fenech u l-gharus taghha, u wkoll f'dan il-kaz ma kien hemm ebda persuna suspettata.

F'ebda wiehed minn dawn l-incident ma gie ppruvat li r-rikorrent kellu x'jaqsam maghhom.

## 3. Perikolozita' socjali tar-rikorrent

Ir-rikorrent issottometta li l-intimat bl-ebda mod ma elabora fuq x'jista' jkun li jikkostitwixxi l-perikolu ghas-socjeta' u ghall amministrazzjoni tal-gustizzja. Ma hemm ebda hjiel fondat fuq xi suspett ragjonevoli li hu ta' theddiha ghas-socjeta' u ghalhekk ghandu jigi emarginat mis-socjeta' bl-iskuza li dan qieghed isir ghal gid tal-istess socjeta'.

L-intimat issottometta li dan kien kaz difficili biex jigi nvestigat ghax jirrigwarda delitt esegwit fuq kummissjoni jew mandat u r-rikorrent huwa theddiha ghas-socjeta'.

Il-Qorti tirrileva li l-fatt li dan id-delitt allegatament gie mwettaq fuq kummissjoni jew mandat juri li anke jekk ir-rikorrent jibqa' karcerat, il-perikolu l-istess ser jibqa' billi r-rikorrent kieku stess jista' anke mill-habs jikkummissjona lill xi hadd biex jaghmel reat.

Jidher li l-perikolozita' tar-rikorrent qed tigi dedotta aktar minhabba l-gravita' tal-kaz milli minn xi provi ohra. *Although the threat to public order may justify detention on remand at the outset, it may cease to do so as time passes*. (Letellier vs France). Il-piz qieghed fuq l-intimat li juri n-necessita' tal-kontinwat arrest tar-rikorrent u l-Qorti ma thossx li dan l-intimat ghamlu.

**4. Il-gravita' ta' l-akkuza u l-perikolu li r-rikorrent jahrab.**

Dwar dan il-punt ir-rikorrent issottometta li l-intimat qed jibbaza l-biza' tieghu fuq il-gravita' tar-reat u l-piena relattiva, kif ukoll fuq il-fatt li r-rikorrent siefer kemm-il darba u li ghandu kuntatti barra minn Malta li jistghu jservuh biex jahrab.

Dwar il-gravita' tar-reat ir-rikorrent issottometta li l-gravita' tal-akkuza per se mhix sufficjenti sabiex tigi michuda l-liberta' provvizorja tieghu u l-posizzjoni tal-allegata vittma m'ghandha bl-ebda mod timpingi fuq id-decizjoni jekk ir-rikorrent jinghatax il-liberta' provizorja jew le.

L-intimat irrisponda li r-rikorrent hu akkuzat ta' komplicita' f'attentat ta' omicidju li jgib mieghu piena sa ghoxrin sena prigunerija u din il-piena xorta tibqa' wahda konsiderevoli u hi ta' incentiv biex ir-rikorrent jipprova jevadi dik is-sanzjoni sahansitra billi jahrab jew jinheba. Il-gravita' tal-akkuza tista' tkun anki waheda sufficjenti sabiex tiggustifika c-cahda tal-liberta' provvisorja **ghal certu zmien. (**Kemmache vs France). Dan ifisser li mbaghad din ir-raguni ma ohrajn tista' tiggustifika privazzjoni mill-liberta' ghal perjodu itwal. F'dan il-kaz pero' din ma hiex l-unika cirkustanza, skond l-intimat, li fuqha qed tigi michuda l-liberta' provizorja tar-rikorrent.

M'hemmx dubbju li l-kaz in ezami hu wiehed gravi billi jirrigwarda attentat ta' qtil fuq l-assistent personali tal-Prim Ministru. Il-kaz kien u jibqa' wiehed gravi izda l-gravita' tal-akkuza waheda m'ghandiex tincidi fuq id-dritt tal-akkuzat li jinghata l-liberta' provizorja pendenti l-proceduri u dan illum hu assodat fil-gurisprudenza taghna u anke dik Ewropeja.

Ir-rikorrent qed jissottometti li l-unika prova li harget mix-xhieda tal-Kummissarju tal-Pulizija u P.C. 1015 Jason Borg hi li fis-snin bejn il-1994 u l-1995 ir-rikorrent kien isiefer diversi drabi. Inoltre ma giex pruvat li r-rikorrent ghandu xi konnessjonijiet barra minn Malta li jistghu iservuh biex jahrab minn Malta.

L-intimat irrisponda li l-prosekuzzjoni ripetutament issollevat il-facilita' li kellu r-rikorrent li jsiefer minn dawn il-gzejjer u l-kuntatti esteri li evidentement kellu.

Illi f'kazijiet bhal dawn ma hemm ebda garanzija li persuna li hija rinfaccjata b'sentenza ta' prigunerija ma jghaddiliex minn mohha li tipprova tahrab. Imma kif tghid is-sentenza Neumeister "*the danger of flight necessarily decreases as the time spent in detention passes by for the probability that the length of detention on remand will be deducted from the period of imprisonment which the person concerned may expect if convicted, is likely to make the prospect seem less awesome to him and reduce his temptation to flee.*"

Fil-kaz in ezami r-rikorrent hu akkuzat ta' komplicita' f'attentat ta' omicidju li ghalkemm il-piena mhiex wahda ta' ghomor il-habs hija l-istess wahda konsiderevoli. Jekk wiehed jikkalkola s-sentenza li tista' tigi mposta u r-riduzzjoni fil-piena li jista' jibbenefika minnha jekk jinstab hati u jehel prigunerija, u z-zmien li diga' ghamel arrestat, wiehed isib li r-rikorrent se jkun diga' skonta parti mhux hazin mis-sentenza. L-arrest preventiv mhux qieghed hemm biex persuna tiehu l-kastig taghha qabel tigi sentenzjata bhal li kieku diga' hatja, imma biex jigi assikurat li persuna titressaq ghal kull att tal-process, u jekk ma jibqghux jezistu ragunijiet ghaliex ghandha tibqa' hekk arrestata, tigi rilaxxjata wara li jinghataw l-garanziji mitluba.

Kif gja' nghad il-piz tal-prova hu fuq l-intimat u l-Qorti hi tal-fehma li, f'dan il-kaz, ghalkemm hu vera li r-rikorrent siefer diversi drabi bejn il-1994 u l-1995, ma ngabux provi sodisfacenti li juru li r-rikorrent ghandu konnessjonijiet konkreti f'xi pajjiz iehor barra minn Malta li jistghu jiffacilitawlu t-tluq minn Malta.

Il-Qorti Europeja tikkunsidra l-perikolu li wiehed jahrab ukoll fid-dawl ta' konsiderazzjonijiet ohra barra l-gravita' tal-piena li persuna arrestata tista' tistenna. Hija tikkunsidra *other factors, especially those relating to the character of the person involved, his morals, his home, his occupation, his assets, his family ties and all kind of links with the country in which he is being prosecuted which may either confirm the existence of a danger of flight or make it appear so small that it cannot justify detention pending trial* (Neumiester).

Il-Qorti tirrileva li r-rikorrent ghandu aktar konnessjonijiet hawn Malta milli barra minn Malta, jekk ghandu. Hu jirrisjedi Malta u ghandu l-mara u t-tfal, hutu, u missieru u familjari u l-Qorti kkostatat li l-ghaqda bejnithom hi wahda qawwija. Il-Qorti tahseb li wara li r-rikorrent ghadda erba' snin u nofs il-habs irrealizza

x'tilef u mhux ser ikun daqshekk iblah li jaghmel xi haga li tista terga' tpoggih fejn kien u minn fejn tant thabat biex johrog.

Il-Qorti Ewropeja fil-kaz Letellier kienet qalet li *when the only remaining reason for the continued detention was the fear that the accused would abscond and thereby fail to appear for trial, release on remand had to be ordered if the accused was in a position to provide adequate guarantees to ensure his appearance at his trial.*

Fil-kaz in ezami l-Qorti hi tal-fehma r-rikorrent f'dan l-istadju tal-proceduri wara erba' snin u nofs jista jaghti dawk il-garanziji ghall ghoti lilu tal-liberta' provizorja biex jassiguraw li hu ma jippruvax jahrab minn dawn il-gzejjer u jidher ghall kull att tal-process. Il-Qorti hi tal-fehma li llum il-bilanc mar kontra r-rikorrent u qed jigi impost fuqu *"a greater sacrifice than could reasonably be expected of a person presumed to be innocent".*

**KONKLUZZJONI**

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-kontinwat arrest preventiv tar-rikorrent issa li ghaddew aktar minn erba' snin u nofs minn meta tressaq il-Qorti fuq l-akkuza ta' komplicita' fid-delitt ta' tentativ ta' omicidju volontarju, jikser id-dritt fondamentali tar-rikorrent kif protett bl-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja u ghalhekk ir-rikorrent ghandu jinghata l-liberta' provizorja taht dawk il-kondizzjonijiet li jaghtu garanzija li r-rikorrent jidher ghall kull att tal-process.

Dwar il-modalita' tal-ghoti tal-liberta' provizorja din il-Qorti ser thalli f'idejn il-Qorti Kriminali li tista' aktar tassigura li jinghataw il-garanziji idoneji biex torbot lir-rikorrent halli jidher ghall kull att tal-process, dan ukoll in vista tal-fatt li r-rikorrent diga' nghata l-liberta' provizorja fuq kaz iehor minn dik il-Qorti.

Spejjez ghall intimat."

5. Wara li ressqu xi lmenti dwar il-mod "lakoniku" kif l-ewwel Qorti rraportat ir-risposta taghhom ghar-rikors promotorju u dan stante li fiha,

"……fost sottosmissjonijiet ohra, l-esponenti rrilevaw li t-trapass taz-zmien wahdu ma jimplikax necessarjament dewmien irragionevoli ghaliex kollox jirrikjedi certu trapass ta' zmien u t-tul ta' zmien necessarju jiddependi minn natura ta' dak li jrid isir u mid-diffikultajiet u saret referenza ghan-numru konsiderevoli ta' eccezzjonijiet kemm ta' natura legali dwar l-att ta' akkuza kif ukoll dwar l-ammissibilita' ta' numru konsiderevoli ta' xhieda u dan apparti n-numru kbir ta' xhieda u dokumenti li gew indikati in difeza li dwar numru minnhom gew sollevati eccezzjonijiet dwar l-ammissibilita' taghhom mill-prosekuzzjoni tant li l-istess eccezzjonijiet kienu jirrikjedu granet shah ta' trattazzjoni u wara li gew decizi r-rikorrent Meinrad Calleja appella mis-sentenza.

Illi inoltre, filwaqt li gew ribattugi xi sottomissjonijiet tar-rikorrent appellat gie wkoll rilevat li tenut kont ta' dak li kellu jsir u sar u tenut kont ukoll tal-piena komminata mill-ligi ghar-reati addebitati lir-rikorrent u t-tul tas-sentenza li wiehed jistenna li tinghata f'kaz ta' htija b'ebda mod ma seta' jitqies irragionevoli z-zmien li kien ghadda fic-cirkostanzi kollha tal-kaz anki bil-kriterji citati mir-rikorret stess fir-rikors tieghu.

Illi in kwantu ghar-ragunijiet li jiggustifikaw il-kontinwazzjoni tad-dentenzjoni tar-rikorrent appellat l-esponenti fir-risposta taghhom issottomettew li l-periklu ta' intralc fil-provi ma kienitx l-unika raguni li tiggustifika d-detenzjoni kontinwata tar-rikorrent stante li fost ragunijiet ohra kien hemm il-periklu li l-akkuzat jinheba jew jahrab, l-gravita' straordinarja tar-reati addebitati lir-rikorrent u tac-cirkostanzi taghhom fejn si tratta ta' komplicita' f'tentattiv ta' omicidju volontarju permezz ta' mandat moghti lil terzi fuq il-persuna tal-Assitent Personali tal-Prim' Ministru b'konnessjoni mal-esekuzzjoni ad-doveri tal-kariga tieghu u in partikolari in konnessjoni ma' reat ta' traffikar f''medicini perikoluzi li dwaru l-istess rikorrent appellat jinsab akkuzat fi proceduri separati fil-konfront tieghu ; kif ukoll in vista tal-perikolozita socjali tar-rikorrent appellat u l-perikoli tal-amministrazzjoni tal-gustizzja kieku kellja tigi miqugha t-talba tieghu, u dan apparti l-perikolu l-imputat jikkommetti reati ohrajn, anki kontra l-persuna, jekk jigi rimess in liberta'.

Illi dwar il-periklu reali u li ghandu jezisti ta' intralc ta' provi l-esponenti rrilevaw li dan il-periklu sar aktar gravi minn qatt qabel peress li l-identita' u n-natura tal-provi u tax-xhieda tal-prosekuzzjoni issa saru necessarjament maghrufa lir-rikorrent u saret riferenza ghal incident fejn wiehed mix-xheda tal-prosekuzzjoni Joseph Fenech gie aggredit minn zewg persuni injoti li sparaw fuqu b'arma tan-nar ftit wara li xhed. Gie sottomess ukoll li l-fatt li x-xhieda tal-prosekuzzjoni llum huma maghrufa mill-pubbliku in generali u li l-gist tax-xhieda ta' whud

minnhom hija maghrufa mill-pubbliku in generali ma jnaqqas xejn mill-perikoli msemmija u anzi jkomplu jaggravawhom”,

l-appellanti mbaghad avanzaw l-aggravju taghhom.

6. L-aggravju ta’ l-appellanti jikkonsisti fli gej :-

(i) Fl-ewwel lok kienet zbaljata l-ewwel Onorabbli Qorti meta jidher li rriteniet li ma hemm ebda konnessjoni bejn ir-ragjonevolezza tat-tul ta’ zmien tal-process gudizzjarju u r-ragionevolezza tat-tul ta’ zmien tad-detenzjoni tant li jekk it-tul taz-zmien tal-process ikun irragionevoli allura daqstant irragionevoli jkun it-tul taz-zmien tad-detenzjoni. Inoltre, il-fatt tad-dentenzjoni jincidi fih innifsu fuq ir-ragionevolezza taz-zmien tal-process b’tali mod li dak li hu tul ragionevoli tal-process ghal persuna li ma hix detenuta jkun tul irragionevoli ghal persuna li tinsab detenuta. Huwa f’dan is-sens li dak li jista’ jkun konfront tal-artikolu 6(1) wahdu jista’ ma jibqax ragionevoli fil-konfront tal-artikolu 6(1) meta abbinat mal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni. L-ewwel Onorabbli Qorti, izda, bis-sentenza taghha tat-22 ta’ Gunju, 1999 li ghaddiet in gudikat gja ddecidiet li ma kien hemm ebda trapass ta’ zmien irragionevoli anki meta kkunsidrat l-artikolu 6(1) in konnessjoni mal-artikolu 5(3). Dan necessarjament jimplika li l-awtoritajiet pubblici agixxew bid-diligenza necessarja fid-dawl tal-fatt li r-rikorrent appellat jinsab detenut. U din certament hija konsiderazzjoni relevanti ferm meta tigi biex issir valutazzjoni ta’ hemmx vjolazzjoni ta’ l-artikolu 5(3) tant li hi wahda mill-

konsiderazzjonijiet li taghmel il-Qorti Ewropeja f'dan ir-rigward flimkien mar-relevanza u sufficjenza tar-ragunijiet li jiggustifikaw il-kontinwazzjoni tad-detenzjoni.

(ii) Illi meta l-ewwel Qorti giet biex tikkunsidra r-ragunijiet migjuba 'l quddiem biex jiggustifikaw id-dentenzjoni l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti ma hix dejjem cara. Hekk, dwar il-periklu ta' intralc ta' provi l-Qorti kkonkludiet li "l-provi kollha kontra r-rikorrent ingabru u nstemghu diversi drabi quddiem il-Qorti tal-Magistrati u quddiem il-Qorti Kriminali u dak li qalu xhieda principali li hu maghruf sewwa". L-esponenti jsaqsu "Allura?". Dan ifisser li ma baqax perikolu ta' intralc ta' provi? Mela l-gudizzju mhux il-gurija futura ser taghtih fuq dak li jinghad quddiemha u mhux fuq dak li seta jinghad band' ohra? L-esponenti jsostnu li dak li inghad mill-ewwel Qorti ma jnaqqas xejn mill-perikolu ghall-intralc tal-provi. Anzi.

(iii) In kwantu ghall-perikolu li r-rikorrent appellat jikkommetti reati ohrajn l-ewwel Qorti ghalqet bil-kumment li "F'ebda wiehed minn dawn l-incidenti ma gie ppruvat li r-rikorrent kellu x'jaqsam maghhom". Allura? Il-kwistjoni vera ji jekk dawk l-incidenti abbinati mal-provi akkwiziti fil-process fil-kors tal-kumpilazzjoni jaghtux lok ghall-biza tal-perikolu msemmi.

(iv) Dwar il-perikolozita' socjali u b'mod partikolari dwar il-perikolozita' ta' delitti fuq kummissjoni jew mandat il-Qorti kkumentat li tali mandat jista' jinghata anki mill-habs. Allura? Dan ifisser li allura niffacilitaw tali mandati? Il-perikolozita' tezisti jew ma tezistix? Ghaliex il-mafiosi jistghu jikkommissjonaw id-delitti anki mill-habs issa ser issir raguni ghaliex ghandhom jinghataw il-liberta' provvisorja?

(v) Dwar il-perikolu li r-rikorrent jahrab il-Qorti kkonsidrat li r-rikorrent appellat ma hux ser jaghmel xi haga "li tista' tpoggih fejn kien u minn fejn tant thabat biex johrog". Il-punt li wiehed jipprova jahrab hu precizament il-konvinzjoni li b'hekk qatt ma jerga jitpogga fejn kien u minn fejn tant thabat biex johrog, b'mod partikolari issa li l-process kien wasal biex jigi appuntat biex isir izda ma setax isir ghaliex tardivament u proprju fl-ahhar mument appena kienet ser tinghata data biex isir il-guri u wara diversi differimenti provokati mir-rikorrent stess l-istess rikorrent f'daqqa wahda ghazel li jirrikuza lill-Onor. Imhallef li rritjena li ma kienx hemm ragunijiet legali li jiggustifikaw li hu jastjeni milli jiehu kongizzjoni tal-process. Ir-rabtiet ma' Malta li semmiet il-Qorti huma illuzjorji. Tant li r-rikorrent appellat kien jaghmel aktar zmien barra minn Malta milli Malta u ma jidhirx li jkollu xi problema kbira li martu u ibnu jinghaqdu mieghu anki barra minn Malta u anqas jidher li jkollhom xi problemi membri ohra tal-familja biex jaghmlu l-istess u b'hekk tibqa' mhux mittiefsa "l-ghaqda qawwija" li l-Qorti "kkostat".

(vi) Fl-ahhar mill-ahhar, fl-ahjar ipotesi ghar-rikorrent appellat, l-artikolu 5(3) jigi vjolat jekk, meta r-rikorrent jista' jipproduci garanziji idoneji sabiex jannullaw il-perikoli ezistenti, jonqos milli jinghata l-liberta' provizorja. Il-pozizzjoni dejjem ritenuta mill-esponenti u kondiviza mill-qrati ta' kompetenza kriminali inkluzi l-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet u hi proprju li biex taghmel tajjeb ghall-perikoli li jirrizultaw bl-ghoti tal-liberta' provvizorja u li gew rilevati kemm mill-esponenti kif ukoll mill-qrati kriminali kollha waslu ghal konkluzjoni li r-rikorrent ma kienx f'pozizzjoni li jipproduci tali garanziji. Is-sentenza appellata ma ziedet xejn ma' dak ritenut mill-esponenti u mill-qrati.

(vii) Illi fis-sentenza taghha msemmija l-Prim'Awla tal-Qorti Civili rriteniet li fil-fehma taghha r-rikorrent seta' jaghti garanzii idoneji ghall-ghoti lilu tal-liberta' provvizorja izda ma tat ebda indikazzjoni tan-natura jew entita' ta' dawn il-garanziji li suppost jista' jaghti r-rikorrent u rrimandat kollox f'idejn il-Qorti Kriminali li gja ripetutament irriteniet li r-rikorrent appellant ma kienx f'pozizzjoni li jipproduci tali garanziji idoneji ghaliex altrimenti kienet takkordalu l-liberta' pvovizorja.

(viii) Illi ghalhekk, fi kwalunkwe kaz, il-Qorti Kriminali thalliet fl-istess pozizzjoni li kienet meta tat id-digrieti precedenti taghha.

Ghaldaqstant l-esponenti talbu lil din Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta'

Dicembru, 2000 fl-ismijiet premessi u konsegwentement tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent appellat bl-ispejjez kontra l-istess r-rikorrent appellat.

**IR-RISPOSTA TAL-APPELLAT**

7 Minn naha tieghu, l-appellat iwiegeb hekk :-

Illi s-sentenza appellata u cioe' dik moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Dicembru 2000 hija gusta u timmerita konferma bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellanti ;

Illi l-aggravji mressqa mill-intimati appellanti ghandhom jigu michuda u l-appellant jaghmel is-segwenti sottomissjonijiet bhala risposta ghall-aggravji mressqa mill-intimati :

**(i) PREZUNZJONI TA' L-INNOCENZA**

Illi jidher car kemm mis-sottomissjonijiet imressqa mill-intimati appellanti quddiem l-Ewwel Qorti kif ukoll mid-dicitura uzata fir-rikors ta' l-appellipprezentat minnhom li huma qeghdin jonqsu milli japplikaw l-prezunzjoni tal-innocenza fil-kaz ta' l-esponent. Dan jidher mill-

argumenti migjuba minnhom sabiex jissostanzjaw id-difizi migjuba minnhom tant li minkejja li l-esponent huwa prezunt innocenti sakemm jinsab hati skond il-ligi, l-intimati qeghdin jippretendu li dina l-Qorti tikkunsidra per ezempju l-gravita' ta' l-akkuza u qeghdin jissottomettu li stante li l-akkuza inharget fuq fatt gravi allura huma jippretendu li dan huwa sufficjenti sabiex l-esponent jigi mcahhad mill-liberta'. In oltre, l-intimati ressqu wkoll xhieda sabiex jixhdu fuq xi ncidenti li graw lilhom u l-istess intimati jahsbu li jista' jkun li l-esponent b'xi mod jikkometti reati ohra, dak li huwa rikjest fuq l-esponenti izda prova cara li tali biza tezisti oggettivament u li tali biza hija fondata u bbazata fuq sisien ragjonevoli.

Ta min jinnota wkoll li l-appellat mhux kif jissottomettu l-intimati fir-rikors ta' l-appell taghhom li '*huwa kien prezunt innocenti*" jew li "*kemm kien ilu taht arrest*" jew li *bir-rigett tal-liberta' provizorja kien qieghed jigi vjolat id-dritt fondamentali tieghu*l" izda l-esponent suppost li ghadu prezunt innocenti, ghadu taht arrest minkejja d-decizjoni moghtija mill-Ewwel Qorti, u li bic-cahda ta' l-istess liberta' provvizorja ghadu qieghed jigi vjolat id-dritt fondamentali tieghu.

**<u>(ii) IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TAS-SOTTOMISSJONIJIET TA' L-INTIMATI MILL-EWWEL ONORABBLI QORTI</u>**

L-intimati appellanti jissottomettu illi l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx sewwa s-sottomissjonijiet imressqa minnhom kemm fir-risposta kif ukoll

fin-nota ta' sottomissjonijietipprezentata minnhom. Fil-fatt jidher car mis-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti li din l-istess Qorti mhux talli fehmet is-sottomissjonijiet mressqa mill-intimati izda applikat ukoll u kkunsidrat ukoll dawk is-sottimissjonijiet fid-dawl tad-Drittijiet Fundamentali u b'mod partikolari fid-dawl tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea. Anki mill-qari ta' l-istess sentenza jidher car li l-Ewwel Qorti kkunsidrat u tat piz lis-sottomissjonijiet maghmula mill-intimati mhux biss meta hija ikkunsidrat "*jekk ghadx hemm bilanc bejn l-interessi tar-rikorrent ghas-smigh xieraq fi zmien ragjonevoli taht l-artikolu 5(3) u dawk tas-socjeta' li trid tigi protetta minn reati gravi.*", izda l-Ewwel Qorti ezaminat is-sottomissjonijiet tal-intimati bir-reqqa anke fid-dawl kemm tal-principji enuncjati mill-Qrati Maltin, u fil-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll fid-dawl tat-taghlim tal-Qorti Ewropea u ta' diversi awturi. Kien biss ghaliex l-intimati naqsu li jressqu provi sufficjenti li setghu oggettivament jikkonvincu lil dik Qorti mill-validita' ta' l-istess sottomissjonijiet u ghaliex dawk is-sottomissjonijiet ma kienux skond il-principji enuncjati fil-Konvenjoni Ewropea li l-Ewwel Qorti kellha bilfors tichad is-sottomissjonijiet ta' l-intimati.

L-appellat jissottometti illi l-intimati qedghin jitilqu mill-principju erroneju li r-rispett tal-liberta' tal-persuna ghandha tkun l-eccezzjoni, meta suppost li u bil-ligi dak il-principju ghandu jiftiehem u jinqara li filwaqt li l-liberta' hija r-regola, l-arrest jew ic-cahda tal-liberta' hija biss l-eccezzjoni u mhux vice versa. Huwa ghalhekk li dawk il-provi li huma

rikjesti u necessarji sabiex tigi ezercitata dik l-eccezzjoni u persuna li hija prezunta innoncenti tibqa' ghal aktar minn erba' snin u nofs mizmuma taht arrest, ghandhom ikun provi konvincenti li oggettivament jistabilixxu sissien ragonevoli fuq liema persuna prezunta innocenti ghadha tinzamm taht arrest. Pero' l-appellat bir-rispett jissottometti li fuq ebda wahda mid-difizi mressqa mill-intimati ma ngabu dawk il-provi necessarji. L-intimati waslu biss sabiex bix-xhieda li tressqet minnhom jippruvaw juru biss l-opinjoni taghhom u jaghmlu biss suggerimenti dghajfa kontra l-esponent, pero' f'ebda mument ma ppruvaw b'mod sodisfacenti li l-biza suggerita minnhom hija b'xi mod oggettivament sostanzjata u msejsa jew li hija reali.

L-intimati jidhru wkoll li qishom qeghdin jattribwixxu skala ta' kemm tista' zzomm persuna akkuzata taht arrest preventiv u din l-iskala tahdem skond l-akkuza li tkun inhargitlu. Ghalhekk fil-kaz prezenti l-intimati jissottomettu li huwa kaz ta' natura gravi u li minhabba hekk din in-natura gravi tal-akkuza ggib maghha l-perikolozita' socjali tal-esponent u in segwitu ma ghandiex tinghatalu l-liberta' provizorja. L-esponent bir-rispett jissottometti illi t-tul tad-detenzjoni preventiva bl-ebda mod ma ghadha titkejjel mal-att tal-akkuza jew mal-piena li jgib mieghu dan l-att. Ma hemmx skala ta' kemm tista' izzomm persuna taht arrest preventiv skond l-akkuza li tkun inhargitlu u dan precizament ghaliex dik l-att ta' l-akkuza tibqa biss allegazzjoni sakemm l-akkuzat jigi misjub hati minn Qorti skond il-ligi u dan anke skond il-prezunzjoni

fondamentali favur l-akkuzat fil-kamp legali kriminali u cioe' li kull akkuzat huwa prezunt innocenti sal-mument li jigi ppronuncjat hati skond il-ligi minn min ghandu skond il-ligi l-gurisdizzjoni u l-kompetenza sabiex jikkunsidra l-provi u l-fatti migjuba quddiemu. L-esponent bir-rispett jissottometti li l-Ewwel Qorti gustament ikkunsidrat din il-kwistjoni mqajma mill-intimati u gustament cahdet l-istess sottomissjoni stante li l-perikolozita' tal-esponent ma tistax titkejjel biss fuq l-allegata akkuza, izda ghandha titkejjel oggettivament fuq provi sufficjenti li kellhom jingiebu mill-intimati. L-intimati jistriehu biss fuq in-natura ta' l-akkuza pero' l-esponenti bir-rispett jinnotaw li tali akkuza ghada ta' natura ta' allegazzjoni u ssir biss fatt meta Qorti jew guri jiddeciedi fuq il-htija o meno ta' dak l-individwu li jkun gie mressaq quddiemhom.

**<u>(iii) IR-RAGONEVOLEZZA TAT-TUL TA' ZMIEN TAL-PROCESS GUDIZZJARJU U R-RAGIONEVOLEZZA TAT-TUL TA' ZMIEN TAD-DETENZJONI</u>**

L-esponent bir-rispett jinnota li wara li quddiem dina l-Qorti l-intimati kienu tant insistew li d-decizjoni rigward Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Gunju 1999 ghandha tigi kkonfermata, kif fil-fatt sar minn dina l-Onorabbli Qorti fid-decizjoni moghtija fid-29 ta' Marzu 2000, issa rega' qieghed iqajjem kwistjoni li tikkoncerna l-ezami tal-kaz taht dak l-Artikolu 6. Kienu wkoll l-istess intimati li tant insistew li dak li kellha tiddeciedi dik l-Prim'Awla

tal-Qorti Civili kien biss l-allegazzjoni tal-ksur ta' Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. U fil-fatt kien minhabba li dik l-Ewwel Qorti kienet ippronuncjat ruhha biss fuq l-allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali kif protetti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea li dina Qorti kienet baghtet lura l-process quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex din id-darba tikkunsidra u tiddeciedi allegazzjoni tal-ksur tad-drittijiet fondamentali kif protetti minn Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea. Fil-fatt dak li ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti fid-decizjoni taghha tal-14 ta' Dicembru 2000 kien li kkunsidrat u ddecidiet fuq il-vjolazzjoni o meno tal-Artikolu 5. Izda l-intimati issa qeghdin jippretendu li fil-kunsiderazzjoni taghha fuq l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea, dik l-Ewwel Qorti kienet obbligata tikkunsidra principji jew kwistjonijiet li jirrigwardaw l-Artikolu 6.

L-intimati jsostnu li l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta "*jidher li rriteniet li ma hemm ebda konnessjoni bejn ir-ragjonevolezza tat-tul ta' zmien tal-process gudizzjarju u r-ragionevolezza tat-tul ta' zmien tad-detenzjoni*". L-esponent bir-rispett jissottometti illi din hija biss konkluzjoni erronja li gibdu l-intimati mid-decizjoni moghtija mill-Ewwel Qorti u dan ghaliex dik l-Qorti f'ebda mument u b'ebda argument ma rriteniet li hemm jew m'hemmx konnessjoni bejn ir-ragjonevolezza tat-tul ta' zmien tal-process gudizzjarju u r-ragonevolezza tat-tul ta' zmien tad-detenzjoni. Fil-fatt rigward it-tul ta' zmien tal-process gudizzjarju l-Ewwel Qorti nnutat biss li kuntrarjament ghal dak li kienu qeghdin jissottomettu l-

intimati, l-esponent huwa intitolat jaghmel uzu mill-proceduri legali kollha moghtija lilu bil-ligi u li "*Neigher can any reproach be leveled against them for having made full use of the remedies available under domestic law*." (Eckle Case 15.07.82).

**<u>(iv) INTRALC TAL-PROVI</u>**

Rigward l-intralc tal-provi l-Ewwel Qorti kkonkludiet illi (a) l-biza ta' intralc tal-provi tezisti kemm jekk l-esponent jinghata l-liberta provvizorja kif ukoll jekk huwa jinzamm fil-habs, (b) li kif qalu l-intimati stess diga certi xhieda bdew jixhdu b'mod differenti minn kif kienu xehdu fil-kumpilazzjoni, (c) li sabiex jigu kontrollati x-xhieda mhux bilfors trid thalli lill-esponent minghajr liberta' provisorja, (d)li l-provi u x-xhieda principali kontra l-appellat huma maghrufa sewwa. L-intimati jidhru li qeghdin jissottomettu fir-rikors ta' l-appell, li minkejja li x-xhieda u l-provi li ghandhom l-intimati kontra l-esponent diga huma maghrufa, u minkejja li l-ligi taghtihom kull opportunita' li jipprotegu dik il-prova u jiehdu dawk il-passi kollha li huma jahsbu necessarji sabiex jipprotegu dik ix-xhieda migbura minnhom, huma xorta wahda jsostnu li dan mhux bizzejjed u dak li huwa mehtieg huwa biss li l-esponent jinzamm fil-Habs. L-esponent bir-rispett jissottometti illi kif jidher li qalu l-istess intimati x-xhieda taghhom stess diga biddlu r-rakkont taghhom u dan b'effett ta' ebda att tal-esponent li ghadu jinzamm fil-habs, u ghalhekk ma jistghux l-intimati jippretendu li jitqieghed piz oltre dak gust u

strettament necessarju sabiex jiffalicita x-xoghol ta' l-istess intimati. Dan anke meta dik il-liberta provizorja li ghandha tinghata tista' tinghata taht dawk il-kundizzjonijiet li l-Qrati kompetenti jidrilha xierqa u gusti sabiex dawk ix-xhieda jigu protetti.

Inoltre, l-Ewwel Qorti ma kkonkluditx li ma ghadx jista' jkun hemm intralc tal-provi, izda kkonkludiet li l-intimati ma gabu ebda prova sufficjenti ragonevolment sabiex tikkonvinci oggettivament lil dik l-Qorti li l-esponent kien qieghed jew kien sejjer jaghmel dan. L-appellat jissottometti illi l-Ewwel Qorti korrettement ikkunsidrat ukoll li kif jidher mill-processi u gurijiet konnessi mal-att ta' l-akkuza migjuba kontra l-esponent, kien hemm xhieda li diga' biddlu x-xhieda taghhom u li dan sar minhabba xi att ta' l-esponent bilfors li jrid jigi eskluz u dan stante li l-intimati lanqas biss gabu xi prova li turi jew tissuggerixxi dan.

Illi l-intimati appellanti iridu jifhmu wkoll li l-importanza fundamentali tad-drittijiet tal-bniedem ipoggi fuqhom obbligi u dmirijiet bazici sabiex filwaqt li jharsu l-bzonnijiet tas-socjeta' in generali iharsu u jaghtu effett ghal dawn id-drittijiet fondamentali ta' kull individwu, b'dan li fil-harsien li ta' l-istess socjeta' l-intimati fil-kariga ufficjali taghhom ma jistghux jippretendu li jiffacilitaw id-dmirijiet imposti fuqhom billi l-akkuzat jinzamm fil-habs, meta huma stess suppost li qeghdin jaghtu effett ghad-dritt fondamentali tieghu tal-prezunzjoni tal-innocenza, tal-liberta' tal-persuna u meta ukoll d-dmirijiet taghhom lejn is-socjeta' jistghu jigu

effettwati, anzi ghandhom jigu effettwati bl-impozizzjoni ta' l-anqas piz possibli fuq l-individwu.

Tali bilanc jista' jintlahaq biss billi filwaqt li l-istess intimati jkunu qeghdin jaghqdu d-dmirijiet taghhom lejn is-socjeta' billi jipprotegu l-istess socjeta, jaghqdu wkoll id-dmirijiet taghhom lejn l-individwu billi jpoggu fuqhu l-anqas piz possibli u cioe' f'dan il-kaz billi l-liberta' ta' dak l-individwu kkoncernat, l-esponent, ma tigix michuda bl-aktar mod assolut kif tigi ta' individwu li diga' nstab hati u qieghed jigi punit, izda tigi limitata u sottoposta ghal dawk il-limiti li huma strettament necessarji sabiex filwaqt li l-individwu jgawdi l-elementi bazici tal-liberta' tal-persuna, bhat-tgawdija tal-familja, l-istess intimati jkunu jistghu jassiguraw ruhhom li ma hu qieghed isir l-ebda intralc tal-provi. Dan certament jista' jsir, kif normalment isir ma persuni akkuzati ohra billi l-esponent jinghata l-liberta' provvizorja taht dawk il-kundizzjonijiet li l-Qorti kompetenti jidhrilha xierqa li timponi fuqu. Izda jkunu stringenti kemm ikunu stringenti dawk il-kundizzjonijiet imposti fuq il-liberta' provvizorja, dan l-istat huwa dejjem pass aktar dinjituz u gust in vista tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem mill-istat estremm li ilu jinstab fih l-esponent u cioe tac-cahda totali tal-liberta tal-persuna billi huwa li suppost li huwa prezunt innocenti u li suppost li jinghata smigh xieraq fi zmien ragonevoli jew liberta provvizorja pendenti dak is-smiegh ghadu qieghed jinzamm taht arrest totali.

## (vii) PERIKOLU LI L-APPELLAT JIKKOMMETTI REATI OHRAJN

L-appellat jissottometti li l-intimati qeghdin jipprovaw jaghtu interpretazzjoni skorretta lid-decizjoni tal-Ewwel Qorti, specjalment meta dan jasal sabiex jissottometti illi "*Dan ifisser li allura niffacilitaw tali mandati?"* L-esponent bir-rispett jissottometti illi l-Ewwel Qorti ma qisietx li l-liberta provvizorja ghandha tinghata lill-esponent semplicament ghaliex kommissjoni ta' delitt tista' ssir mill-fond tal-habs minn persuna mizmuma taht arrest kif ukoll minn persuna fuq libert6a provvizorja. L-intimati appellanti jaghzlu li kwazi kwazi jirridikulaw jew ahjar jaghzlu li ma jifhmux ir-ragunament li tat u kkunsidrat l-Ewwel Qorti. Fil-fatt l-Ewwel Qorti kkunsidrat b'mod ghaqli l-provi u s-sottomissjonijiet maghmula mill-intimati fuq dawk il-provi migjuba minnhom u gustament ikkonkludiet li l-istess intimati naqsu milli jipproduci provi sufficjenti sabiex juru li l-esponent huwa perikolu socjali. Huma wrew biss li l-esponent jinsab akkuzat b'delitt fuq kummissjoni, izda naqqsu li juru li l-karattru jew in-natura ta' l-istess esponent huma ta' perikolu ghas-socjeta.

L-intimati appellanti illimitaw ruhhom biss sabiex jikkummentaw fuq gravita tal-akkuza migjuba kontra l-esponent izda huma jonqsu milli jifhmu li dik l-akkuza ghad trid tigi pruvata u sakemm isir dan l-esponent ghadu innocenti. Il-gravita' tal-akkuza b'ebda mod ma tista' tiggustifika c-cahda tad-drittijiet fundamentali tal-esponent u bl-ebda mod ma tista'

tiggustifika li huwa jigi trattat bhala individwi misjuba hatja, fil-kamp legali l-gravita' tal-akkuza tista' biss tiggustifika piena izjed iebsa ghal dak li jinstab hati ta' tali akkuza, izda dik il-piena tista' biss tigi mposta wara li l-individwu jinstab hati skond il-ligi u mhux qabel.

**(viii) IL-PERIKOLU LI L-APPELLAT JAHRAB JEW JISTAHBA**

L-intimati appellanti jissottomettu illi r-rabtiet li l-esponent ghandu ma Malta huma lluzorji u dan skond l-intimati appellanti *"tant li r-rikorrent appellat kien jaghmel aktar zmien barra minn Malta milli Malta u ma jidhirx li jkollu xi problema kbira li martu u ibnu jinghaqdu mieghu anki barra minn Malta u anqas jidher li jkollhom xi problemi membri ohra tal-familja biex jaghmlu l-istess u b'hekk tibqa' mhux mittiefsa l-ghaqda qawwija li l-Qorti kkostatat'.* L-esponent bir-rispett jissottometti illi l-intimati appellanti ressqu kull difiza permessa mil-ligi sabiex issir eccezzjoni u ma tinghatax l-liberta provvizorja li hija garantita lil kull individwu akkuzat, izda f'kull kaz ta' difiza u anke fid-difiza taghhom li l-esponenet jista' jahrab jew jistahba huma waqfu biss sabiex jaghmlu s-sottomissjoni li fl-opinjoni taghhom jkun facli ghall-esponent li jahrab u jharrab mieghu lil martu, lil ibnu, u l-familjari l-ohra kollha mieghu.

Pero l-intimati appellanti ma gabux prova sufficjenti li juru li huwa facli ghall-esponent li jahrab hu u jharrab lill-familja tieghu mieghu. Huma

waqfu biss sabiex juru li fuq meddgha ta' zmien l-esponent kien siefer izda bl-ebda mod ma wrew li huwa ghandu xi konnessjonijiet ma persuni barra minn Malta jew ma xi pajjiz iehor li jistghu jiffalicitaw il-harba tieghu u tal-familja tieghu minn Malta. L-intimati appellanti qeghdin jippretendu li din l-Qorti tikkonkludi li la darba l-esponent kien isiefer allura ghandu bizzejjed kuntatti li jaghmlu l-harba tieghu u tal-familja tieghu minn Malta facli u possibli. L-esponent bir-rispett jissottometti illi dak li huwa rikjest sabiex din id-difiza tal-intimati appellanti tirnexxi huwa li jressqu provi sufficjenti li juru b'certa certezza li l-possibilita u l-facilita li l-esponent jahrab minn Malta vera tezisti u mhuwiex bizzejjed li wiehed jissuggerixxi li l-esponent huwa persuna li kien isiefer.

**<u>(ix) L-EFFETT TAD-DECIZJONI TA' QORTI B'GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI FUQ QRATI KRIMINALI</u>**

L-Qorti Kriminali u l-Qorti ta' l-Appell Kriminali kif ukoll l-intimati appellanti ma kkonsidrawx jekk tistghax tinghata l-liberta provvizorja taht kundizzjonijiet u garanzija idoneji bizzejjed li jikkawtelaw l-possibilita li l-esponent jikkommetti xi wahda mill-bizghat li qeghdin iqajmu l-intimati appellanti. Izda huma fil-konsiderazzjonijiet maghmula minnhom jidhru li segwew l-argument li la darba wasslu ghall-konkluzjoni li s-sitwazzjoni ta' l-esponent minkejja li ghaddew diversi snin baqghet ugwali ghal dik is-sitwazzjoni li kien jinsab fiha fl-ewwel

gimghat tal-arrest tieghu, allura huwa kellu jibqa' taht arrest preventiv. Pero l-appellat jissottometti illi dak li ma kkunsidrawx l-Qorti Kriminali u l-Qorti ta' l-Appell Kriminali u l-istess intimati appellanti huwa l-bilanci impost fuq l-ufficju li jokkupaw l-istess intimati u fuq it-Tribunali tal-Qrati stess bir-rikonoxximent tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif protetti fil-Konvenzjoni Ewropea. L-istess drittijiet fundamentali jimponu fuq l-intimati fil-qadi ta' dmirijiethom ufficjali r-rispett ghad-drittijiet ta' l-individwu u r-rispett fundamentali ghal-liberta tal-persuna li hija msahha bil-prezunzjoni ta' l-innocenza favur kull individwu akkuzat. In segwitu tali drittijiet fundamentali jitobu li dak l-individwu ma jigix imgieghel isoffri piz akbar milli huwa strettament necessarju u ghalhekk bejn estremm ta' liberta assoluta u l-estremm oppost ta' arrest assolut anke jekk preventiv, wiehed irid jikkonsidra sew il-possibilita ta' liberta provvizorja ristretta biss b'dawk il-kundizzjonijiet strettament necessarji. Dan ghaliex minkejja li l-liberta ta' l-akkuzat xorta wahda tkun qeghda tigi ristretta, pero' c-cahda totali tal-liberta hija permessa biss fil-kaz u meta persuna akkuzata tkun giet misjuba hatja skond il-ligi.

Minn naha ma jinkombix fuq l-appellat sabiex juri li huwa f'pozizzjoni li jaghti garanzija idonei meta dawk l-istess Qrati lanqas biss jikkonsidraw x'jistghu ikunu dawk il-garanziji. Anke l-intimati appellati dejjem ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom fis-sens li ma hemm l-ebda mod kif l-esponent jista' jintalab jaghti garanziji idonei u jinghata l-liberta provvizorja, anzi l-intimati dejjem sostnew li l-possibilita tal-liberta

provvizorja lanqas biss ghanda tigi kkunsidrata fil-kaz prezenti u dan ghaliex huma stess fil-kariga taghhom ufficjali ma ghandhomx il-mezzi li jeffetwaw dik il-possibilita u mhux ghaliex l-esponent ma jistghax jaghti dawk il-garanziji. Fil-fatt l-esponent kemm-il darba ssottometta illi ezempju ta' tali garanzija tista' tkun dak l-istat li jissejjah *"house arrest"*, pero l-intimati minkejja li effettwaw dan l-istat fil-kaz ta' individwi ohra, dejjem sostnew li l-ligi maltija ma tippermettix dan. L-esponent bir-rispett jissottometti illi l-ligi ta' Malta ma tinnegax jew icccahhad dan l-istat ta' house arrest, tant illi l-istess ligi thalli fid-diskrezzjoni tal-Qrati kompetenti sabiex jiffissaw ir-regolamenti u l-limitazzjonijiet li jistghu jigu mposti fuq il-liberta kondizzjonata.

L-intimati appellanti fir-rikors ta' l-appell ipprezentat minnhom jissottomettu illi l-Qrati Kriminali thallew fl-istess pozizzjoni li kienu meta taw id-digrieti taghhom precedenti permezz ta' liema huma kienu cahdu lill-esponent mil-liberta kondizzjonata u dan ghaliex skond l-intimati appellanti l-Ewwel Qorti irriteniet li l-esponent seta' jaghti dawk il-garanziji idonei minghajr ma ndikat x'jistghu ikunu dawk il-garanziji meta l-istess Qrati Kriminali kien diga ddecidew li l-istess esponent ma jistghax jaghti dawk il-garanziji. L-esponent bir-rispett jissottometti illi l-ezercizzju li kien migjub quddiem l-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) ma kienx wiehed li tistabilixxi l-kundizzjonijiet ghall-liberta provvizorja u tali esercizzju jispetta skond il-ligi lil Qrati ohra, izda dak li l-Ewwel Qorti kellha taghmel u li ghamlet b'mod gust u korret

huwa li tistabbilixxi jekk l-kontinwa cahda tal-liberta kondizzjonata lill-esponent ghal dawn l-ahhar 'l fuq minn erba snin u nofs hijiex in vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu kif protetti mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea. Kien biss dan l-ezercizzju li l-Ewwel Qorti kellha l-kompetenza u l-gurisdizzjoni li taghmel.

L-appellat jissottometti illi minn naha l-ohta dak li dejjem ghamlu l-Qrati Kriminali kemm-il darba ma kienx ezercizzju sabiex jezaminaw il-kontinwa dentenzjoni tieghu fid-dawl tad-drittijiet fundamentali tieghu u fid-dawl ta' liberta' kkondizzjonata b'dawk il-kundizzjonijiet permessi bil-ligi fil-prattika, izda dawn il-Qrati Kriminali dejjem ikkunsidraw biss il-possibilita ta' liberta kontra l-possibilita ta' habs, u f'ebda wahda mid-decizjonijiet moghtija minn dawn il-Qrati ma gie kkunsidrat x'jista' wiehed iqies bhala possibilita ta' kkonndizjonijiet fuq liberta provvizorja u jekk l-esponent jistghax jaghti dawk il-garanziji mitluba minnui. Fil-fatt il-konsiderazzjoni tal-Qrati Kriminali kienet dejjem wahda u dejjem baqghu isostnu l-ewwel cahda taghhom billi bir-rispett erronjament ippretendew li hemm bzonn ta' *'fatturi godda, cirkostanzi godda, jew sottomissjonijiet godda validi bizzejjed biex din il-Qorti tbiddel il-fehma taghha." (Decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali 11 ta' Novembru 1998).* L-esponent bir-rispett jissottometti li dawk il-Qrati Kriminali kienu erronjament qeghdin jippretendu li hemm bzonn xi fatturi jew cirkostanzi godda u li dawn l-affarijiet godda biss setghu jippermettu l-ghoti tal-liberta provvizorja. Pero dan huwa attitudni fallaci u erronea billi dak li

huwa rez necessarju bil-ligi u b'Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewrpea mhux tibdil ta' cirkostanzi, jew fatturi godda izda l-infurzat u l-protezzjoni tal-innocenza ta' kull akkuzat inkluz l-esponent u li c-cahda tal-liberta anke jekk kondizzjonata ghandha tkun l-eccezzjoni u mhux ir-regola.

Minkejja dan, id-decizjoni tal-Ewwel Qorti u cioe d-drittijiet fondamentali tal-esponent kif protetti mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem qeghdin jigu vjolati bil-kontinwa cahda lilu tal-liberta' provvizorja b'ebda mod ma tista' titqies li tikkrea xi pregudizzju jew xi diffikulta lill-istess Qorti Kriminali sabiex issa din ta' l-ahhar tistabbilixxi l-kundizzjonijiet idonei ghall-liberta' tal-esponent. Hekk kif jispetta lill-kompetenza u l-gurisdizzjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) u lil dina l-Qorti Kostituzzjonali sabiex tiddeciedu fuq allegazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fondamentali, huwa d-dmir tal-Qorti Kriminali li tezamina u tistabbilixxi bis-serjeta dawk il-kundizzjonijiet necessarji u idonei fic-cirkostanzi sabiex id-drittijiet fondamentali tal-esponent ma jibqghux jigu vjolati.

Ghaldaqstant l-appellat talab li dina l-Qorti tichad l-appell ipprezentat mill-intimati appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati.

**<u>IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI</u>**

8 Il-Qorti, wara li rat u ezaminat l-atti kollha processwali u semghet ezawrjentement it-trattazzjoni ta' dan l-appell, tibda billi tirrileva prelimarjament li gej :-

Illi fil-parti tar-rikors ta' appell, fil-parti preambolari ghall-aggravji taghhom l-appellanti (ara para 5 u 6 tar-rikors ta' appell), filwaqt li jaghmlu riferenza ghar-risposta taghhom ghar-rikors promotorju ta' l-appellat ghall-ghoti tal-liberta' provvizorja fil-pendenza tal-proceduri kriminali migjuba kontrieh, jillanjaw mill-fatt li skond huma, r-risposta taghhom giet riprodotta fis-sentenza appellata minn dik il-Qorti, "b'mod mill-aktar lakoniku u li ma jirrispekkja xejn is-sottomissjonijiet dettaljati taghhom u ghalhekk jissollecitaw lil din il-Qorti li tirreferi kif effettivament giet ipprezentata" u dana billi "ma tistriehx fuq dak li jinghad fis-sentenza appellata".

Din il-Qorti tirrileva li wara li ghamlet proprju tali ezercizzju kif awspikaw l-appellanti - ghax fuq kollox tali oneru jinkombi fuqha - thossha kemmxejn sorpriza bil-kumment suespost min-naha ta' l-appellanti fil-konfront ta' l-ewwel Qorti. L-appellanti ghandhom kwalsiasi dritt li jibqghu jsostnu l-argomenti taghhom u li juru li ma jikkondividux dak li gie deciz in kuntrarju ta' dak sottomess minnhom. B'daqstant pero' ma jfissirx li ghax l-ewwel Qorti tkun irrespingiet tali argomenti jew ragjonamenti, allura dik il-Qorti tkun qieset l-istess argomenti b'mod lakoniku, erratiku jew inkomplet.

Illi jirrizulta lil din il-Qorti, minn ezami akkurat tas-sentenza appellata, li l-ewwel Qorti mhux biss gharblet punt punt dak li gie sottomess ghall-konsiderazzjoni taghha miz-zewg nahat imma wkoll hadet il-briga li tirreferi, kemm ghal dak li jemergi mid-dottrina legali "in subjectum

materia", kemm ghal sentenzi pertinenti moghtijin mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem ta' Strasbourg, kif ukoll sentenzi nostrani, u ohrajn precedenti konnessi intimament ma dawn il-proceduri. Ghalhekk, indipendentement mill-konsiderazzjoni dwar jekk taqbilx maghha jew le, s-sentenza appellata ma kellha xejn maghmul jew riportat fiha "b'mod mill-aktar lakoniku". Kwindi tali kumment min-naha appellanti kien ingustifikat. Dan apparti l-konsiderazzjoni addizzjonali li skond il-ligi tal-procedura - hekk ara artiklu 218, Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta - hu biss mehtieg li fis-sentenza ghandhom jinghataw ir-ragunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbazat id-decizjoni taghha, u ghandu jkun hemm fiha wkoll riferenza ghall-procedimenti, ghat-talbiet tal-attur u ghall-eccezzjonijiet tal-konvenut. Minn ezami tas-sentenza appellata, altru milli jirrizulta li dan gie osservat u segwit mill-ewwel Qorti (ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet On. Imh. A. Depasquale - vs - On. Avukat Generali tal-4 ta' Settembru 2000, Qorti Kostituzzjonali).

9 Din il-Qorti tirrileva li fis-sistema legali patriju kwantu ghal dak li ghandu x'jaqsam ma proceduri ta natura kriminali s-sistema hu wiehed akkuzatorju u mhux inkwizitorju. Il-presunzjoni tal-innocenza ta l-akkuzat hija r-regola u sakemm ma jigix oppruvat il-kontra jibqa’ hekk meqjus. Illi minbarra dawk il-salvagwardji dwar id-drittijiet fondamentali tal-bniedem li nsibu fil-Kostituzzjoni hemm ukoll il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li tifforma parti integrali mill-korp tal-ligijiet ta' Malta.

Illi riferibbilment ghat-talba ta' l-appellat ghall-fini ta' helsien minn stat ta' detenzjoni, li issa ilha fis-sehh sa mill-15 ta' Mejju 1996, jirrizulta li din kienet impernjata fuq zewg artikli partikulari tal-Konvenzjoni Ewropeja fuq imsemmija, jigifieri l-artiklu 6 (1) u l-artiklu 5 (3). Jirrizulta li

decizjoni definittiva dwar l-artiklu 6 (1) inghatat minn din il-Qorti, kif dakinhar in parte diversament komposta, u dan b'sentenza moghtija fid-29 ta' Marzu 2000. Illi permezz taghha kienet giet ikkonfermata s-sentenza appellata in kwantu biss li dina ma sabet l-ebda vjolazzjoni tal-artiklu 6 (1) tal-Ewwel Skeda ta' l-Att ta l-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja. Fl-istess waqt, iddecidiet ukoll li tibghat lura l-inkartament tal-process lill-Qorti ta' l-ewwel grad sabiex, wara li okkorrendo tigbor il-provi relattivi, dik il-Qorti tiddeciedi fuq ir-rimanenti lanjanza kostituzzjonali kif proposta fir-rikors promotor u cioe' jekk hemmx vjolazzjoni tal-artikolu 5 (3) tal-istess skeda fuq imsemmija, u sabiex ukoll f'kaz affermattiv tipprocedi skond is-subartikolu (2) tal-artikolu 4 tal-istess Att. Effettivament il-Prim'Awla tal-Qorti Civili b'sentenza ulterjuri moghtija fl-14 ta' Dicembru 2000, iddecidiet favur it-talba tal-appellat ghall-ghoti tal-liberta' provvizorja "taht dawk il-kundizzjonijiet li jaghtu garanzija li r-rikorrent jidher ghal kull att tal-process". Dik il-Qorti kompliet imbaghad hekk : "Dwar il-modalita' tal-ghoti tal-liberta' provvizorja din il-Qorti ser thalli f'idejn il-Qorti Kriminali li tista' aktar tassigura li jinghataw il-garanziji idoneji biex torbot lir-rikorrent halli jidher ghal kull att tal-process, dan ukoll in vista tal-fatt li r-rikorrent diga' nghata l-liberta' provvizorja fuq kaz iehor minn dik il-Qorti". L-appell in ezami sar din id-darba ad istanza tal-intimati li qeghdin imexxu il-prosekuzzjoni kontra l-akkuzat.

Illi ghandu inoltre jigi rrilevat li apparti mis-sentenza tad-29 ta' Marzu 2000 moghtija mill-Qorti Kosituzzjonali u dik moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Dicembru 2000, mertu ta' dan l-appell, kien hemm ukoll numru ta' digrieti fejn l-istess talba giet ripetutament michuda kemm mill-Qorti Kriminali, kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali (hekk ara digrieti tal-24 ta' Ottubru 1997, tas-16 ta' Frar 1998 moghtijin mill-

Qorti Kriminali, u dak tal-14 ta' Lulju 1998 u 11 ta' Novembru 1998 tal-Qorti tal-Appell Kriminali). Jirrizulta wkoll li l-appellat kien intavola rikors iehor quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ghall-helsien mill-arrest preventiv fil-15 ta’ Dicembru 2000 fejn wara li rrefera ghas-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta’ Dicembru 2000, mertu ta’ dan l-appell, rega’ talab helsien mill-arrest taht dawk il-kundizzjonijiet li dik il-Qorti jidhrilha xierqa.

Illi l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghad-19 ta’ Dicembru 2000. F’dik is-seduta saret trattazzjoni flimkien ma’ provi relatati mal-produzzjoni ta’ garanzija idoneja. B’digriet tal-21 ta’ Dicembru 2000 pero’ dik il-Qorti dehrilha li jkun aktar xieraq li ma tiddecidix dwar it-talba fil-pendenza ta’ dan l-appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Fost il-konsiderazzjonijiet li hadet kont taghhom dik il-Qorti kien li hija,

> “ma tistax taqbel mas-sottomissjoni, li dik is-sentenza kellha awtomatikament tipprovoka l-helsien mill-arrest preventiv anke qabel ma jkun gie definittivament stabbilit jekk kienitx jew le tirrizulta vjolazzjoni tal-jedd fondamentali ta’ l-akkuzat kif deciz mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili.”

U li ghall-fini ta’ dak ir-rikors

> “il-premessi ta’ fatt u ta’ dritt li fuqhom hi bazata s-sentenza tal-Prim’Awla, ultimament iridu jikkostitwixxu l-elementi li fuqhom din il-Qorti jkollha takkorda jew ma takkordax il-helsien.”

Darba li dawk l-elementi kienu ghadhom in diskussjoni, dik il-Qorti kienet tal-fehma “illi huwa gust u ghaqli illi tistenna pronunzjament finali minn dik il-Qorti (i.e. mill-Qorti Kostituzzjonali) dwar dan l-aspett vitali

tal-kwistjoni u mhux tpoggi lilha nfisha u lill-Qorti Kostituzzjonali f'possibilta' ta' decizjonijiet konfliggenti."

Dik il-Qorti qieset ukoll illi fil-frattemp kien gie introdott quddiemha appell minn decizjoni preliminari tal-Qorti Kriminali tat-2 ta' Ottubru, 2000, li biha dik il-Qorti fuq talba ta' l-akkuzat iddekretat li ma kienet tara ebda raguni oggettivament riskontrabbli ghala l-Imhallef sedenti dik il-Qorti kellu jilqa' l-eccezzjoni ta' rikuza jew li ghandu jastjeni milli jkompli jisma' l-kaz. Is-smiegh ta' dak l-appell dwar ir-rikuza o meno tal-Imhallef fil-Qorti Kriminali thalla ghas-27 ta' Dicembru, 2000, u dwar x'sehh dakinhar issir menzjoni tieghu aktar 'il quddiem fil-korp ta' din is-sentenza.

Mis-suespost mela jsegwi li l-appell jiccentra fuq l-artiklu 5 (3) tal-Konvenzjoni Ewropeja surreferita, liema sub-artikilu jaghmel riferenza ghas-sub-artiklu (1) tal-istess artiklu, sub-inciz (c). Ghal aktar facilita', is-segwenti brani mill-Konvenzjoni qed jigu riportati hawn taht :-

> "Artiklu 5 (1) Kulhadd ghandu d-dritt ghal-liberta' u ghas-sigurta' tal-persuna.
>
> Hadd ma ghandu jigi pprivat mil-liberta' hlief fil-kazijiet li gejjin u skond il-procedura preskritta bil-ligi :-
>
> -omissis-
>
> (c) l-arrest jew detenzjoni skond il-ligi ta' persuna effettwata sabiex tigi migjuba quddiem l-awtorita' legali kompetenti fuq suspett ragjonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta jkun meqjus ragjonevolament mehtieg biex jigi evitat li tikkommetti reat jew li tahrab wara li tkun ghamlet reat ;
>
> (3) Kull min ikun arrestat jew detenut skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 (c) ta' dan l-Artikolu ghandu jingieb minnufih quddiem imhallef jew funzjonarju iehor awtorizzat b'ligi biex

> jezercita setgha gudizzjarja u jkollu dritt ghal proceduri fi zmien ragjonevoli jew ghal helsien waqt pendenza tal-proceduri. Il-helsien jista' jkun taht kundizzjoni ta' garanziji biex jidher ghall-proceduri."

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-principju hu dak tad-dritt ghal-liberta'. L-arrest jew detenzjoni ta' persuna skond il-ligi hija l-eccezzjoni ghar-regola u mhux bil-maqlub. L-arrest u detenzjoni preventiva, ankorke' tista' tkun wahda legali, tibqa dejjem privazzjoni ta' dritt u ghalhekk m'ghandhiex tigi ekwiparata, kif donnu jippretendu l-appellanti, li hija xi speci ta' dritt tal-prosekuzzjoni jew ta' xi hadd iehor. Naturalment, la darba jkunu jezistu eccezzjonijiet ghall-principju dawn ma jistghux jigu injorati. Fi kliem aktar car, proprjament id-dritt li ghandu kulhadd huwa d-dritt tal-liberta', mhux id-dritt ghal-liberta' provvizorja. Id-diskors dwar liberta' provvizorja ghalhekk iqum meta hemm invokata xi wahda jew xi whud mill-eccezzjonijiet ghal dak il-principju favur id-dritt ghal-liberta' u sigurta' tal-persuna. Dan kollu jassumi aktar sinjifikat f''sistema legali bhal taghna fejn l-innocenza tal-persuna akkuzata hija prezunta sakemm jigi ppruvat u misjub il-kuntrarju.

Ikkunsidrat fil-mertu li l-appellanti jissottomettu li t-trapass ta' zmien wahdu ma jimplikax necessarjament dewmien irragjonevoli ghaliex kollox jirrikjedi certu trapass u dana skond in-natura ta' dak li jrid isir u mid-diffikoltajiet ta' natura legali u procedurali li jinqalghu fi process kumpless.

Illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalkemm il-kunsiderazzjonijiet suesposti huma indubbjament validi, jridu dejjem pero' jigu mgharbla taht skrutinju aktar rigoruz kemm-il darba ser jigu mistharrga taht dak li hemm komminat fl-artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem. Fil-fatt, din l-istess Qorti, fis-sentenza precedenti moghtija

minnha fuq dan ir-rikors fid-29 ta' Marzu 2000, hija u tiddelibera dwar l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, filwaqt li ddecidiet li l-appellat ma kellhux ragun milli jilmenta minn dewmien irragjonevoli taht dak l-artiklu, ziedet telabora li,

> ".......  tali dewmien jista' jammonta ghal lezjoni ta' dritt fondamentali meta meqjus u valutat bil-kriterji aktar rigoruzi stabbiliti bl-artiklu 5 (3), li jesigi li l-proceduri jitmexxew b'diligenza specjali".

10 Illi m'hemmx dubju li tassew tezisti konnessjoni bejn l-artiklu 6 (1) u l-artiklu 5 (3).  L-appellanti jissottmettu pero' li c-cahda tal-appellant in kwantu bazata fuq l-artiklu 6 (1) kienet "necessarjament timplika li l-awtoritajiet pubblici agixxew bid-diligenza necessarja fid-dawl tal-fatt li r-rikorrent appellat jinsab detenut".  Din il-Qorti taqbel ma dan ir-ragjonament imma, kif lealment komplew jissottomettu l-appellanti, l-Qorti Ewropeja ma waqfitx hawn imma abbinat tali konsiderazzjoni flimkien ma aspetti ohrajn, dawk cioe' ta' <u>rilevanza</u>, u <u>sufficjenza</u>, u dawn bhala ragunijiet mehtiega biex jiggustifikaw il-kontinwazzjoni ta' stat ta' detenzjoni.  Dana ghaliex, fil-fehma ta' dik il-Qorti, fl-artiklu 5 (3) tal-Konvenzjoni Ewropeja, hemm element akbar fih ta' <u>urgenza</u> u <u>rigorozita'</u>.  U dana allura b'mod li jista' jkun il-kaz li, minkejja l-konnessjoni bejn iz-zewg artikli kif fuq intqal, jista' jkollok sitwazzjoni fejn ir-rizultat ta' l-iskrutinju li jkun sar taht artiklu wiehed ikun divers. F'dan is-sens ghalhekk jikkummenta in proprozitu l-awtur Luke Clements (ara <u>European Human Rights</u>, Sweet & Maxwell, 1994, Kap 8, pp 134 - 135), igifieri li,

> "The right under this provision is closely linked with the right under article 6 (1) (The right to a public hearing within a reasonable time).  Article 5 (3) has however, a special urgency as its application relates to cases where the person is detained pending trial.  Whilst the Court and Commission have

> emphasized that detainees have a higher priority for an expeditious trial, release obviously does not absolve the authorities from the obligation to arrange the trial within a reasonable time. The interaction of Articles 5 (3) and 6 (1) means that the particular facts of a case may result in a finding that the Article 5 (3) has been violated but not Article 6 (1) and vice-versa .........
>
> -omissis-
>
> "The Commission and Courts will review the reasons given by the state, especially the reasons given by the authorities for delay at any bail applications, as Article 5 (3) can be violated either by an unreasonably long detention pending trial (i.e. unreasonably refusing bail) or by unreasonable delay in bringing the case to trial bearing in mind that the complainant is detained".
> (sottolinear tal-Qorti).

Il-Qorti taghmel riferenza partikolarment ghas-sentenzi moghtijin mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fuq il-punt fuq imsemmi fil-kazijiet Wemhoff v. Germany (1968) ; Matznetter v. Austria (1969) ; Neumeister v. Austria (1968), u B. v. Austria (1990).

Illi mis-suespost ghandu jsegwi li meta l-Ewwel Qorti rriteniet li l-kriterji applikabbli bejn artikolu u iehor huma "differenti", b'daqstant ma rritenitx li kienu "izolati" jew "kuntrarji" ghal xulxin. Tezisti tassew inter-azzjoni bejn l-artikolu 6 (1) u l-artikolu 5 (3) b'dan pero' li d-distinzjoni f'dawk li huma kriterji applikabbli (per ezempju, urgenza u rigorozita' akbar, fil-kaz tal-artikolu 5 (3)) tibqa' tissussisti.

Illi, dejjem dwar il-fattur taz-zmien, l-ewwel Qorti qalet ukoll li arrest preventiv kontinwat ta' persuna akkuzata b'reat

> ".......... anke jekk tibqa' r-reasonable suspicion (kif rikjesta taht l-art. 5 (1) (c), meta jghaddi certu tul ta' zmien, il-prolungament ma jibqax ukoll legali ...........".

L-appellanti jillanjaw li kienet zbaljata l-ewwel Qorti li tirritjeni li t-trapass ta' zmien wahdu huwa fattur li jista' finalment jiddetermina l-helsien minn arrest preventiv kontinwat. Fil-fatt izda l-ewwel Qorti ma waqfitx hawn imma marret ferm oltre minn hekk. Dana billi qalet ukoll illi,

> "Ma hemmx zmien specifiku kemm persuna tista' legalment tibqa' minghajr ma tinghata l-liberta' provvizorja jekk jezistu dawn ir-ragunijiet. Ir-ragjonevolezza ta' zmien jiddependi mic-cirkustanzi ta' kull kaz .......".
> (sottolinear tal-Qorti).
>
> B'mod ineccepibbli mbaghad, dik il-Qorti kompliet hekk,
>
> "F'kull kaz irid jinzamm bilanc bejn l-interessi tal-persuna detenuta ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli u l-interessi tas-socjeta' li jkun hemm prosekuzzjoni effettiva fi proceduri kriminali u li tkun protetta mill-aggressjoni ta' reati gravi."

Daqstant ghalissa fuq l-element tat-trapass ta' zmien.

11 L-appellanti jaghtu numru ta' ragunijiet bazati fuq provi mressqin minnhom fil-kors tal-kawza kriminali biex juru li ghad hemm bazi soda ghaz-zamma ta' l-appellat taht stat ta' detenzjoni nonostante t-trapass ta' zmien. In succint dawn jistghu jigu inkwadrati taht erba' kapi separati, u cioe',

(i) ir-riskju ta' intralc tal-provi mill-appellat galadarba li f'dan l-istadju huwa jaf ezattament f'hiex jikkonsistu l-provi u x-xhieda li hemm kontrieh ;

(ii) il-periklu li l-appellat, una volta moghti l-liberta', jikkommetti reati ohrajn ;

(iii) il-perikolozita' socjali tal-akkuzat konsidrata n-natura ta' delitti maghmulin fuq kummissjoni jew mandat ;

(iv) il-periklu li, darba mqieghed fil-liberta', li l-appellant jabskondi billi jahrab jew jinheba.

A skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti mhix ser toqghod tipproduci verbatim dak kollu li gie ezawrjentement sottomess fuq kull wiehed mill-kapi fuq imsemmija, kemm min-naha tal-appellant u kif ukoll min-naha tal-appellat. Dawn is-sottomissjonijiet jinsabu gja' inkorporati sufficjentement fil-parti preliminari ta' din is-sentenza, u ma dawn hemm ukoll riportat dak li gie ritenut dwarhom mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti pero' ser tezamina mill-gdid l-istess ragunijiet sabiex tara l-fondatezza o meno taghhom minn punto di vista ta' rilevanza u sufficjenza u dan minn ottika ta' urgenza u rigorozita' kif jemani mill-artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Illi, indipendentament ghalissa mill-punt, dwar in-natura jew xorta ta' prova rikjesta u x'effett jew piz ghandu f'kull kaz jinghata lit-trapass ta' zmien, din il-Qorti hija tal-fehma li kull wahda mir-ragunijiet fuq elenkati taht kull kap hija gravi bizzejjed biex potenzjalment tohloq ostakolu ghall-ghoti tal-liberta' lill-appellat. Minn dan mela jsegwi li jekk jigi stabbilit mill-prosekuzzjoni, (i.e. l-appellanti f'din il-kawza) li tassew jezistu dawk ir-riskji u perikli, jew xi whud minnhom, li huma elenkaw u li, fil-pendenza tal-process kriminali ghad ma jistghux jinghataw jew jinstabu garanziji idoneji biex jipprevjenu tali perikli, ikun ifisser li l-uniku fattur li jkun ghad fadal x'jigi kkunsidrat huwa t-trapass ta' zmien. Fil-fatt jigi nnutat li in propozitu, l-abili difensur ta' l-appellat beda l-indirizz

responsiv tieghu orali ghal dak li gie sottomess mill-kontroparti li dak kollu li kellu x'jissottomettu hu ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti kien "jirrakjuda ruhu fi frazi wahda : erba' snin u nofs".

Illi meta din il-Qorti giet biex tevalwa l-argomenti migjubin sija min-naha ta' l-appellanti u sija min-naha ta' l-appellat kellha tikkonkludi li kemm naha u kemm ohra ressqet argomenti ugwalment validissimi dwarhom. L-ewwel Qorti, wara li qieset ukoll il-provi li hemm fuq kull kap, ikkonkludiet li dak li gie sottomess mill-appellat, tenut ukoll kont tat-trapass ta' zmien, huwa "in ultima analisi" aktar attendibbli minn dak li argomentat il-prosekuzzjoni appellanti.  Din il-Qorti pero' m'hijiex daqstant konvinta, li argoment ta' naha kellu jissupera lill-iehor ghax fil-verita' hemm xi tghid fuq iz-zewg nahat.

Hekk, per ezempju, fil-kaz tal-periklu dwar il-possibilita' ta' intralc ta' provi, hemm xi tghid fuq iz-zewg nahat.  Id-difiza, u l-ewwel Qorti bhala, rriteniet li issa li l-provi tal-prosekuzzjoni jinsabu migbura, l-biza' jew periklu ta' intralc naqas mhux zdied.  Il-prosekuzzjoni invece ghadha ssostni li darba li hija mhux biss allegat imma wriet u ressqet dawk il-provi kollha li kienu ghad-disposizzjoni taghha, dan ifisser ukoll li l-akkuzat issa li jaf ezatt x'hemm provi kontrieh u fejn, jekk irid jabbuza una volta moghti l-liberta', jaf ukoll fejn ghandu jiffoka bil-preciz jekk irid jintralcja dawn il-provi.  Jista' tassew jinghad li sottomissjoni ta' naha tissupera lil tan-naha l-ohra?

Ingiebu wkoll bl-istess akkaniment u validita', argomenti u kontro-argomenti dwar il-kapi l-ohrajn. Hekk, per ezempju, dwar il-possibilita' ta' harba. Is-sens jurik, tissottometti l-prosekuzzjoni, li darba moghti l-liberta', ir-riskju ta' harba jikber. Id-difiza twiegeb li ormai l-akkuzat aktar x'jitlef ghandu kieku kellu jabskondi. Barra dan, il-familja kollha tieghu tghix ordinarjament Malta. Billi jirrizulta li l-appellat fl-imghoddi kien spiss isiefer, din haga normali ghal hafna nies u mhux prova kontrih. Provi tal-possibilita' tal-harba ma jezistux. Il-prosekuzzjoni tirribatti billi tirreferi ghal akkuzi ohrajn kontra l-appellat konnessi ma' traffikar ta' droga. Dwar il-biza li jigu kommessi reati ohrajn u dwar il-perikolozita' socjali ta' l-appellat, il-prosekuzzjoni tippunta principalment lejn dak li jirrizulta mill-atti tal-kumpilazzjoni. Ghad-difiza dawn m'humiex bizzejjed. L-appellat jissottometti wkoll li d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti tal-provi m'ghandhiex tigi ddisturbata minn din il-Qorti ghax ma jirrizultax li kien hemm xi raguni serja jew gravi li tiddetta xort'ohra. L-appellanti jirribattu li dak li qed jigi sottomess minnhom hu li l-evalwazzjoni ta' l-istess provi ma saritx b'mod approfondit bizzejjed billi kien hemm aktar x'jigi kkunsidrat mill-ewwel Qorti milli ssemma' fis-sentenza appellata.

12. Illi mis-suespost kjarament jemergi li din il-Qorti ma tistax tistrieh biss fuq is-sahha ta' l-argumenti li gew esposti miz-zewg nahat. Jinhtieg li kull kap jigi mistharreg b'riferenza kemm ghall-atti tal-kumpilazzjoni u, ghall-atti kollha tal-kawza, u ulterjorment, fil-kaz li

jirrizulta li dawn ir-ragunijiet, jew xi whud minnhom, huma mhux biss rilevanti imma wkoll sufficjenti ghaz-zamma ta' l-appellat taht detenzjoni preventiva, irid jigi investit il-punt dwar jekk, minkejja dan, it-trapass ta' zmien ghandux l-effett li jinnewtralizza kollox.

Illi dwar il-possibilita' ta' intralc ta' provi, il-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti kienet li "dana dejjem jibqa' jezisti kemm jekk ir-rikorrent jibqa' arrestat, kif ukoll jekk jigi rilaxxjat b'kondizzjonijiet adekwati". Fil-fehma ta' din il-Qorti pero', minkejja li dak li ntqal mill-ewwel Qorti sa certu punt huwa korrett, ma jfissirx bilfors li ghandu jittiehed bhala argument favur il-helsien mid-detenzjoni f'dan l-istadju. Indipendentement ghalissa mill-aspett ta' kredibilita' o meno jew ta' provi kuntrarji mill-appellat fil-mument opportun, minn ezami tal-kontenut tax-xhieda tal-prosekuzzjoni moghtija waqt il-kompilazzjoni tal-atti jissemmew inkontri ripetuti ta' persuni u ta' pressjoni kontinwata ezercitata fuq individwi ghal fini ta' kummissjoni ta' omidicju per via ta' mandat, ghal-liema, in kontrakambju, gew offruti flus jew kunsinna droga. Hemm ukoll provi ta' tentattiv ta' omicidju li dwaru l-prosekuzzjoni qieghed takkuza b'komplicita' lill-appellat. Din il-Qorti ma tikkondividix ghalhekk il-fehma espressa mill-ewwel Qorti li taht dawn ic-cirkostanzi, kemm-il darba sehhew kif hemm imsemmi – fatti li ghad iridu jigu mgharbla quddiem il-Qorti Kriminali – ma taghmilx differenza jekk l-appellat jibqa' detenut jew mess fil-liberta'. Multo magis fi stadju meta l-prosekuzzjoni ressqet

il-provi taghha dwarhom u l-appellat jaf il-kontenut tax-xhieda u min qieghed jixhidhom.

Dwar il-periklu li l-appellat jikkommetti reati ohrajn jirrizulta li l-Avukat Generali ma strahx biss fuq incidenti li allegatament sehhew fil-mori tal-proceduri. Jidher invece li kemm hu kif ukoll il-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali hadu in konsiderazzjoni ukoll dawk il-provi li hemm migburin fl-atti tal-kumpilazzjoni. L-incidenti ulterjuri msemmija mill-Prosekuzzjoni dwar xi tiri ta' sparatura fuq wiehed mix-xhieda ewlenin minn xi hadd injot u xi incidenti li graw lil bint dan ix-xhud jibqghu biss allegazzjonijiet. Fir-realta', il-prosekuzzjoni ma setghetx tmur oltre fin-nuqqas ta' provi konkreti dwar xi involviment bic-car tal-appellat ghax kieku kellha xi provi f'dan is-sens kontra l-appellat, kieku mhux mera menzjoni ta' dawn il-fatti kienet taghmel imma tressaq akkuzi godda kontrih. Pero f'ebda waqt ma l-appellanti ddikjaraw li l-provi l-ohra migburin fl-atti tal-kumpilazzjoni ma jghoddux. Anzi, huma rriferew anke ghal provi u akkuzi serjissimi dwar traffikar ta' droga – li dwarhom l-appellat irid jghaddi guri f'data gja' appuntata fix-xahar ta' Frar 2001. Il-fatt li dwar dawk l-akkuzi l-appellat kien gja' ottjena l-liberta' mill-arrest preventiv – il-prosekuzzjoni tghid li dan gara biss minhabba teknikalita' ta' procedura legali – ma jfissirx li dawn il-provi qishom ma jezistux. Taht dawn l-aspetti ghalhekk kif fuq esposti, din il-Qorti jidhrilha li l-ezami li sar mill-Ewwel Qorti ma kienx ezawrjenti bizzejjed.

Ikkunsidrat ukoll li dwar l-aspett tal-perikolozita' socjali ta' l-akkuzat, jkun semplicistiku wisq li tali raguni tigi skartata ghax, fil-habs jew barra mill-habs, delitt tramite mandat jista' jsehh xorta wahda. Il-Qorti ma tikkondividi xejn tali fehma. Il-facilita' u mezzi ta' kuntatt disponibbli ghal persuna detenuta minn ohra li m'hijiex, imqar jekk imqeghda taht arrest domiciljari, certament m'humiex l-istess. Fic-cirkostanzi illi jemergu mill-atti tal-kumpilazzjoni, il-perikolozita' tal-appellat fis-socjeta' la tickien u lanqas tibqa' l-istess imma tikber.

Ikkunsidrat li dwar il-gravita' ta' l-akkuza u l-piena relativa, talvolta l-appellat kellu jinsab hati, din il-Qorti jidhrilha li l-akkuza principali kontra l-appellat hija certament serja hafna pero' daqstant iehor huwa serju l-fatt li l-perijodu ta' detenzjoni, taht presunzjoni ta' innocenza huwa twil. Fl-istadju attwali tal-iter processwali, din il-Qorti lanqas jidhrilha li huwa prudenti li toqghod tispekula dwar piena f'kaz ta' htija. Dan il-ghaliex ma thossx li ghandha tippregudika minimament il-posizzjoni tal-appellat qua akkuzat. Din il-konsiderazzjoni wahidha ghalhekk ma kenitx tkun sufficjenti ghaz-zamma kontinwata tal-appellat fi stat detentiv tenut kont tal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.

Illi dwar il-possibilita' li l-akkuzat jabskondi, huwa minnu li aktar ma jghaddi z-zmien ta' detenzjoni aktar tali possibilita' ssir remota. Hemm ukoll il-konsiderazzjoni li l-familja ta' l-appellat igifieri martu, uliedu u qrabatu jghixu kollha Malta. Dawn huma fatti validi li jimmilitaw kontra l-

possibilita' ta' harba. Pero', min-naha l-ohra, din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghall-fatt li wara t-trapass ta' erba' snin u tmien xhur l-akkuzat issa wasal biex jiffaccja guri ta' traffikar ta' droga ffissat ghat-12 ta' Frar, 2001, oltre l-guri konness ma din il-procedura in ezami b'data provvizorja gja' ffissata ghat-2 ta' Mejju 2001. Tista' din il-Qorti tirritjeni li f'dawn ic-cirkostanzi u tenut kont tan-natura ta' l-akkuzi rivolti lejn l-appellat u ta' dak li jemergi mill-verbali tal-atti processwali li ghalihom sejjer isir accenn aktar il quddiem li tali konsiderazzjoni ta' harba saret anqas possibbli jew li r-riskju taghha naqas u mhux zdied?

13. Illi ghalhekk mis-suespost ghandu jirrizulta li l-fattur ta' importanza li ghad fadal x'jigi kkunsidrat ulterjorment hu jekk it-trapass ta' zmien – issa li ghaddew erba' snin u tmien xhur mill-arrest – ghandux jeghleb, billi jkun innewtralizza ghal kollox, kull konsiderazzjoni ohra kif jinghad <u>supra</u>.

Ikkunsidrat li wara li l-ewwel Qorti rriteniet li r-ragunijiet migjuba mill-prosekuzzjoni ma baqghux aktar daqstant rilevanti u sufficjenti tenut ukoll kont ta' trapass ta' zmien, u wara li ghamlet riferenza ghal xi kazistika tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, dik il-Qorti iddecidiet billi sabet li kien hemm vjolazzjoni tal-artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni da parti ta' l-appellanti.

Illi mill-atti tal-process quddiem il-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali jemergi kjarament li t-talba tal-appellat ghal-liberta' provvizorja

kienet u baqghet tigi kkunsidrata u riveduta kostantement, ankorke' dejjem b'ezitu negattiv, u dan in konsegwenza tal-fatt li perjodikament l-akkuzat baqa' jintavola rikors wara iehor bl-istess talba. Minn ezami approfondit ta' dawn l-atti ghandu jirrizulta li dawk il-Qrati kkunsidraw sew il-punti kollha li gew mill-gdid ivventilati mill-appellat f'sede ohra – jigifieri fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili a bazi ta' allegat ksur tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Fil-fehma ta' din il-Qorti ikun ghalhekk ferm utli li ssir riferenza ghal dak li gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali in vista tal-fatt ukoll li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili filwaqt li sabet vjolazzjoni tal-artiklu 5 (3) tal-Konvenzjoni, dehrilha li jkun opportun li kwantu ghall-garanziji li kellhom jirregolaw l-ghoti tal-liberta' provvizorja, ghandha tkun dik il-Qorti, u mhux hi li tistabbilhom – punt dan li gie msemmi mill-appellanti odjerni bhala aggravju in kwantu jmur bil-kontra ta' dak li rriteniet sa dakinhar il-Qorti tal-Appell Kriminali u kien ghalhekk ihalli lil dik il-Qorti bla gwida u fil-ghama biex tiffisalu dawn il-garanziji.

Illi fid-digriet moghti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta' Novembru 1998, dik il-Qorti rriteniet li,

> "…… ghalkemm huwa evidenti li aktar ma jitwal dan iz-zmien, aktar ser taggrava l-posizzjoni tal-appellant (i.e. l-appellat fil-kaz in ezami), cjononstante l-Qorti ma jidhrilhiex li ghadda zmien bizzejjed biex fic-cirkostanzi partikolari jassumi piz tali li jinnewtralizza fatturi ohra li a bazi taghhom, din il-Qorti tirrepeti,ma jidhrilhiex li hu l-kaz li tinghata l-liberta' provvizorja."
> (sottolinear tal-Qorti)

Il-posizzjoni giet mill-gdid riveduta, u ghal darb'ohra michuda minn dik il-Qorti, u dan b'digriet iehor tas-27 ta' Settembru 1999, in kwantu inter alia gie ritenut li,

> "ma kienx hemm xi element gdid li a bazi tieghu tista' tiddeciedi diversament minn kif iddecidiet precedentement. Ic-cirkustanzi kollha inkluza dik tad-dekors taz-zmien tal-arrest preventiv ghadhom tali, li ma jiggustifikawx li ghandha tinghata l-liberta' provvizorja ghalissa, fl-istat attwali tal-"iter" tal-process u specjalment tenut kont ukoll illi l-appell li r-rikorrent interpona mid-decizjoni tal-Qorti Kriminali fuq xi eccezzjonijiet preliminari sollevati minnu ser jigi trattat u deciz f'qasir zmien."
> (sottolinear tal-Qorti).

14. Illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-konsiderazzjoni addizzjonali suesposta maghmula minn dik il-Qorti, kienet zvolta importanti hafna ghar-rizoluzzjoni tat-talba tal-appellat Calleja. Kienet qeghda taghti direzzjoni cara lill-partijiet kollha interessati, jigifieri lill-akkuzat, lill-prosekuzzjoni u lill-Qorti Kriminali, fis-sens li una volta jigi determinat fl-iqsar zmien l-appell pendenti quddiemha, l-Qorti Kriminali tkun allura f'qaghda li tipprocedi bil-guri bla aktar dewmien. Illi hawn "non si tratta" ta' persuna detenuta in attesa li titressaq taht att ta' akkuza imma ta' persuna detenuta akkuzata b'komplicita' f'reat ta' natura gravi fejn il-process kriminali effettivament beda".

Illi minn ezami tal-atti jirrizulta li l-appellat, filwaqt li fetah "front" iehor b'rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili bazat fuq allegat ksur tal-Konvenzjoni Ewropeja a bazi tal-artikolu 6 (1), u pjuttost velatament tal-

artikolu 5 (3), ma baqax juri l-istess hegga biex dak li kellu jigi determinat u deciz mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali jigi konkjuz minghajr dewmien bla bzonn. Zamm ferma t-talba ghall-ghoti tal-liberta' provvizorja, intavola eccezzjoni ghar-rikuza tal-imhallef sedenti pero' ma wera l-ebda akkaniment biex dawn jigu trattati fl-aqsar zmien. Minflok jidher li, konsapevolment jew le, id-difiza in rapprezentanza ta' l-appellat, permezz ta' talba wara ohra ghal differiment, spiccat biex tawlet l-iter processwali inutilment. B'kuntrast ma' dan, il-prosekuzzjoni dejjem kienet disponibbli ghal kull appuntament iffissat mill-Qorti. Il-Qorti Kriminali ukoll, u warajha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali, ghamlu li setghu biex id-dati tad-differimenti ma jitwalux aktar milli strettament mehtieg.

Accenn riassuntiv ta' dawn it-talbiet ripetuti, da parti tad-difiza ghal-fini ta' differiment kif hemm registrat fil-verbali tal-proceduri kriminali li jkopru l-perjodu mid-data tat-13 ta' Settembru 1999 sal-lum, 23 ta' Jannar 2001 huma elokwenti bizzejjed :-

Verbal tat-13 ta' Settembru 1999, Qorti tal-Appell Kriminali

L-avukati tal-appellat ma dehrux. Baghtu risposta li huma mpenjati f'guri u li ma kienx possibbli ghalihom li jattendu f'xi hin ghas-smiegh tar-rikors. Dr. S. Camilleri ghall-Avukat Generali kien prezent.

Il-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghat-22 ta' Settembru 1999.

Verbal tal-4 ta' Novembru 1999, Qorti tal-Appell Kriminali

Id-difiza talbet differiment billi Dr. E. Mallia kien jinsab indispost. Dr. S. Camilleri kien prezenti.

L-appell gie differit ghad-9 ta' Novembru 1999.

Verbal tad-9 ta' Novembru 1999, Qorti tal-Appell Kriminali

Deher l-appellant mhux assistit.

Dr. S. Camilleri kien prezenti.

Il-Qorti nnutat li d-differiment kien gie mibdul ghal dakinhar fuq talba tad-difiza. Innutat ukoll li l-avukat difensur ma nfurmax lill-Qorti li ma kienx f'posizzjoni li jattendi dakinhar.

L-appell gie differit ghall-25 ta' Novembru 1999.

Verbal tal-25 ta' Novembru 1999, Qorti tal-Appell Kriminali

Fuq talba ta' l-avukat difensur Dr. E. Mallia, l-kawza giet differita ghall-11 ta' Jannar 2000.

-o-

<u>Verbal tal-26 ta' Mejju 2000, Qorti Kriminali</u>

Wiehed mill-avukati difensuri (Dr. G. Caruana Curran) talbet differiment bl-akkuzat prezenti u konsenzjenti biex "id-difiza tkun tista' tirregola ruhha fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija recentement f'din il-kawza".

Dr. S. Camilleri irrimetta ruhu.

Kawza differita ghat-2 ta' Gunju 2000.

<u>Verbal tat-2 ta' Gunju 2000, Qorti Kriminali</u>

Dr. G. Caruana Curran infurmat lill-Qorti li rtirat il-patrocinju taghha tal-akkuzat. Deher Dr. S. Camilleri ghall-Avukat General.

<u>Il-Qorti osservat li kull ma jonqos f'dan il-kaz hu li tigi appuntata d-data tal-guri.</u>

Dr. E. Mallia ghall-akkuzat prezenti u konsenzjenti baghat jitlob differiment qasir sabiex ikun jista' jirregola ruhu ghal dak li hu kalendarju tieghu u anke sabiex ikun jista' jikkonsulta ruhu mill-akkuzat.

Dr. Mallia talab ukoll differiment billi dakinhar kien okkupat f'guri u biex din il-kawza (i.e. ta' l-appellat) tigi differita ghal wara l-guri.

Kawza differita ghall-4 ta' Lulju 2000.

Verbal tal-4 ta' Lulju 2000, Qorti Kriminali

Deher l-akkuzat mhux assistit.

Deher Dr. S. Camilleri ghall-Avukat Generali.

Il-Qorti giet infurmata dakinhar stess tramite telefonata lid-Deputat Registratur li l-avukat difensur ma setax jattendi ghax indispost.

L-akkuzat talab differiment sabiex meta l-Qorti tigi biex tappunta l-guri, jkun prezenti l-avukat difensur tieghu.

Il-kawza giet differita ghal-31 ta' Lulju 2000.

Verbal tal-31 ta' Lulju 2000, Qorti Kriminali

Id-difiza ssollevat l-eccezzjoni tar-rikuza tal-imhallef sedenti. L-eccezzjoni giet trattata dakinhar.

Il-Qorti osservat inoltre,

> "……….li hi kienet originarjament se tiddifferixxi l-kawza ghal decizjoni fuq l-eccezzjoni tar-rikuza ghal nhar it-Tnejn, 11 ta' Settembru 2000, izda Dr. Emanuel Mallia nforma lill-Qorti li matul Settembru kollu, huwa kien ser ikun imsiefer u ghalhekk ghan-nom tal-akkuzat talab li tigi differita ghal data ohra wara. (sottolinear tal-Qorti).

Il-kawza giet differita ghad-decizjoni dwar l-eccezzjoni tar-rikuza ghat-2 ta' Ottubru 2000.

Verbal tat-2 ta' Ottubru 2000, Qorti Kriminali

Deher l-akkuzat assistit.

Deher Dr. S. Camilleri ghall-Avukat Generali.

Inghatat is-sentenza.

Dr. E. Mallia pprezenta nota ta' appell.

Il-verbal ikompli hekk :-

> "Peress li l-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz ma hemmx dritt ta' appell, il-Qorti kienet ser tiffissa data provvizorja ghas-smiegh ta' dan il-guri.
>
> Dr. Emmanuel Mallia staqsa ghaliex f'dan il-kaz ser taghtih data provvizorja ghall-guri meta f'kazijiet ohra meta jkun hemm nota ta' appell, il-kawza tigi differita 'sine die" u dan isir anke meta l-akkuzat ikun detenut.
>
> Il-Qorti fissret li hi tal-fehma li ghandha tappunta data provvizorja peress li dan il-guri ilu hafna pendenti, u sabiex ukoll f'kaz ta' ezitu negattiv quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, l-guri jkun diga' bbukkjat (sic), u dan minhabba l-kalendarju difficli ta' din il-Qorti."
> (sottolinear tal-Qorti).

Il-Qorti appuntat provvizorjament il-guri ghat-2 ta' Mejju 2001.

Verbal tas-27 ta' Dicembru 2000, Qorti tal-Appell Kriminali

Deher id-Deputat Avukat Generali.

Deher l-akkuzat mhux assistit.

L-akkuzat informa lill-Qorti li hu kien avza lid-difensur tieghu dwar is-seduta ta' dakinhar.

Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-23 ta' Jannar 2001, bil-fakulta' lill-akkuzat li jaghmel trattazzjoni skritta sal-4 ta' Jannar 2001.

15. Ikkunsidrat illi minbarra li dawn it-talbiet ripetuti da parti tad-difiza ghal differiment ikkrejaw dewmien bla bzonn u ostakolaw il-kors normali tal-proceduri, hemm ukoll konsiderazzjoni ohra li din il-Qorti sabitha difficli ferm biex tirrikonciljaha ma' dak li qed jillanja minnu l-appellat fir-rikors promotorju intavolat minnu fit-30 ta' Marzu 1999 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (ara fol. 1 tal-process). Fit-tieni paragrafu ta' l-imsemmi rikors, l-appellat jippremetti inter alia li,

> "……. inoltre huwa wkoll ta' min jinnota li d-data tal-guri tieghu ghadha ma gietx iffissata u ma hemm l-ebda hjiel meta l-process tieghu ser jnzamm."

Din il-Qorti ghalhekk ma setghatx tifhem ir-riluttanza da parti tad-difiza ghall-fatt li l-Qorti Kriminali gustament dehrilha li "peress li dan il-guri ilu hafna pendenti" ikun opportun li, "minhabba l-kalendarju difficli" taghha tistabbilixxi data provvizorja. L-eccezzjoni tar-rikuza sollevata mid-difiza ma kienet qatt ser twassal biex dan il-guri ma jsirx imma se mai, f'kaz ta' ezitu favorevoli ghall-eccezzjoni tad-difiza, li l-istess guri jigi presjedut minn imhallef iehor. Kwindi, fid-dawl tal-lanjanza tal-appellat fir-rikors promotorju, l-aktar li stenniet din il-Qorti kien li d-difiza

tirregistra xi forma ta' protesta ghall-fatt li d-data tat-2 ta' Mejju 2001, alkwantu data provvizorja, kienet tidher wisq 'il boghod. Minflok dan, id-difiza, sorprendentement ghal din il-Qorti (ara verbal tal-31 ta' Lulju 2000 moghti mill-Qorti Kriminali) staqsiet il-ghala f'dan il-kaz dik il-Qorti kienet ser taghti data provvizorja ghall-guri meta f'kazijiet ohra meta jkun hemm nota ta' appell, il-kawza tigi differita <u>sine die</u>. Hu koncepibbli li ssir rikonciljazzjoni a bazi ta' ragjovevolezza bejn dak li qed jillanja minnu l-appellat fir-rikors promotorju ma dak li gie ddomandat ghan-nom tieghu mid-difiza?

16. Bilkemm ghandu ghalfejn jinghad li din il-Qorti, tibqa' preokkupata hafna bit-tul taz-zmien li qed jiehu dan il-process biex, kif beda, jkompli sat-tmiem. Il-Qorti hija pjenament konxja mill-fatt li l-Qorti Ewropeja ta' Strasbourg mal-milja taz-zmien esprimiet ruhha b'aktar insistenza kontra d-detenzjoni ta' persuna fil-pendenza tal-guri meta jkun hemm dewmien ingustifikat u irragjonevoli. Hekk, per ezempju, fil-kaz <u>Clooth v. Belgium</u> (1991), detenzjoni ta' tlett snin u xahrejn fuq akkuzi ta' omicidju u incendju doluz, ghalkemm il-Qorti Ewropeja rrikonoxxiet li l-kaz kellhu aspetti kkomplikati, xorta sabet li d-detenzjoni kienet teccedi z-zmien ragjonevoli taht l-artikolu 5 (3). Kif pero' jaffermaw l-awturi S. Grosz, J. Beatson u P. Duffy (ara <u>Human Rights, The 1998 Act and the European Convention</u>, Sweet and Maxwell, London, 2000, pp 213 - 4, C5 – 62)

> "Understandably the Court and Commission did not adopt a radical interpretation in the earlier cases. Nevertheless, over the years, the approach has become gradually stricter as measures have been introduced to combat delays in criminal proceedings in various Council of Europe countries and standards have evolved. It is important to note that each case must be individually assessed to determine whether the requirements of Article 5 (3) have been met ; a delay acceptable in one case may not be in another ………"

Fuq l-iskorta ta' dak li gie deciz mill-Qorti Ewropeja, f'Letellier v. France (1992) 14, EHRR, 83 u Yagci and Sargin v. Turkey (1995) 20, EHHR, 505, dawn l-awturi jkomplu jelaboraw hekk,

> "The persistence of reasonable suspicion that the person has committed an offence is a condition sine qua non for the validity of the continued detention, but, after a certain lapse of time, it no longer suffices. The Court must then establish whether the other grounds cited by judicial authorities continue to justify the deprivation of liberty, where such grounds are 'relevant' and 'sufficient'. The Court must also be certain whether the national authorities displayed 'special diligence' in the conduct of the proceedings".

17. Wara li ezaminat b'mod approfondit l-atti tal-kawza, din il-Qorti tikkonkludi mhux biss li l-awtoritajiet koncernati wrew diligenza specjali fl-andament korrett tal-proceduri imma li l-intoppi li nholqu biex jintilef dak is-sens ta' urgenza u direzzjoni mill-aspett procedurali kien fil-bicca l-kbira tieghu attribwibbli lid-difiza rapprezentanti l-appellat. Hu minnu li dan l-oneru ta' diligenza specjali fuq l-andament spedit tal-proceduri hu mixhut fuq l-awtoritajiet u mhux fuq l-akkuzat. Imma jekk il-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali dehru indulgenti fl-ghoti ta' numru ta' differimenti, u li allura indirettament kellhom l-effett li jtawlu l-process kriminali, tali indulgenza giet akkordata in konsegwenza ta' talbiet da

parti ta' l-appellat. Kwindi jfisser ukoll li dak li gie koncess minn dawk il-Qrati sar a beneficcju tal-appellat u mhux bil-maqlub. Illi l-akkuzat ghandu kull dritt li, entro l-limiti ta' dak li hu permess mil-ligi, jaghzel dik il-linja ta' difiza li tkun l-ahjar ghalih. Izda mbaghad m'ghandux id-dritt li joqghod itawwal il-proceduri hu stess, taht pretest jew iehor, biex imbaghad jipprova jdawwar dan f'vantagg ghat-talba tieghu ghall-ghoti tal-liberta' provvizorja fil-mori tal-guri. Fil-fehma ta' din il-Qorti li kieku l-appellat ma talabx dawn id-differimenti wiehed wara iehor u segwa, minflok, dak li gie ddekretat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, l-procedura odjerna zgur ma kienx ikollha ghalfejn tasal s'hawn. Dana qieghed jinghad minghajr ebda riflessjoni negattiva fuq il-komportament tal-appellat waqt il-proceduri li kien wiehed immankabbilment korrett.

Illi ghalhekk, una volta li jigi determinat finalment l-appell li hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali dwar l-eccezzjoni tar-rikuza tal-imhallef li qieghed jippresjedi fil-Qorti Kriminali, m'ghandu jkun hemm xejn aktar x'josta l-iter processwali quddiem il-Qorti Kriminali biex il-guri tal-appellat jipprocedi fl-eqreb data possibbli. Fil-kaz pero' li ghal xi raguni dana ma jkunx possibli biss minhabba xi teknikalita' li mhix fil-prezent prevedibbli, allura jkun ifisser ukoll li t-talba ghall-ghoti tal-liberta' provvizorja ghandha tigi f'dika l-eventwalita' kkonsidrata favorevolment mill-Qorti kompetenti taht garanziji idoneji li, minkejja x-xetticizmu espress dwarhom mill-appellanti, jkollhom jigu fformulati kif sar f'kazijiet ohra precedentement.

18 Dana maghdud, u wara li hasbet fit-tul, din il-Qorti m'hijiex tal-fehma li fl-istat attwali tal-process jista' tabilhaqq jitqies li t-trapass ta' zmien innewtralizza dawk ir-ragunijiet fuq imsemmija li jiggustifikaw id-detenzjoni tal-appellat. Illi ghalhekk ifisser ukoll li sal-lum ma jistax jitqies li hemm ksur ta' l-artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Minn dan ghalhekk isegwi li l-appell intavolat mill-intimati huwa fondat.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi filwaqt li tilqa' l-appell ta' l-intimati appellanti tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Dicembru 2000, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent appellat.

Dep/Reg

mg